MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 105/2011

**George u Jennifer konjugi Borg Cardona**

**vs**

**Mario u Juanita konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar il-25 ta’ Marzu 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, prevja dikjarazzjoni li huma solidament bejniethom debituri tal-atturi fis-somma ta’ hamest elef, mitejn u hamsa u sebghin ewro (€5,275) rapprezentanti self *brevi manu* maghmul mill-istess atturi lill-konvenuti, kif somministrat fuq medda ta’ diversi xhur f’idejn il-konvenuta Juanita Fenech, ihallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta’ hamest elf, mitejn u hamsa u sebghin ewro (€5,275).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Mario Fenech kif prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Mejju 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:-

*1. "Illi in linea preliminari l-pretensjoni vantata mill-attur hija inesistenti jew simulata kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*2. Illi in oltre t-talbiet dedotti fir-rikors huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta waqt it-trattazjoni u la hu u lanqas il-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejnu u bejn martu ma huma responsabbli ghall-kreditu vantat. Dawn ghandhom jigu sopportati semmai mill-konvenuta Juanita Fenech unikament.*
*3. Illi sussidarjament u minghajr pregudizzju, l-eccipjent mhuwiex legalment responsabbli ghall-obbligazzjoni unilaterali assunta minn martu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.*
*4. Illi minghajr pregudizzju ukoll, martu l-konvenuta Juanita Fenech, hija obbligata li tmanti lilha innifisha u li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-familja. Hija kwalifikata bhala prokuratur legali u binhom ghandu hmistax-il sena u fuqhom.*
*5. Illi minghajr pregudizzju l-ammont vantat hu eccessiv u mhux gustifikat, kif jirrizulta fit-trattazzjoni.*
*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi u/jew kontra Juanita Fenech ingunti minn issa stess in subizzjoni."*

Rat in-nota tal-konvenuta Juanita Fenech ipprezentata fil-11 ta' Mejju 2011 li biha ammettiet it-talbiet tal-atturi kif dedotti fir-rikors promotur.

Rat in-nota ta' l-atturi prezentata nhar is-16 ta' Gunju 2011 li permezz taghha gew ipprezentati l-affidavit ta' l-attur George Borg Cardona mmarkat Dok GBC 1, prospett ta' ammonti mislufa mmarkat Dok GBC 2, sett ricevuti u dokumenti ohra mmarkati minn Dok A sa Q u l-affidavit ta' Juanita Fenech immarkat Dok. GBC 3.

**George Borg Cardona** fl-affidavit tieghu jiddikjara li bintu l-konvenuta Juanita Fenech bdiet proceduri ghas-separazzjoni minn ma' zewgha l-konvenut Mario Fenech nhar it-30 ta' Awwissu 2010 u minn dakinhar 'l quddiem il-konvenut Mario Fenech naqas li jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja tieghu sabiex martu u ibnu, li f'dak iz-zmien kellu biss erbatax-il sena, jghixu minkejja li l-konvenut kien jiehu hsieb l-assi tal-komunjoni inkluz il-kontijiet bankarji.

Tenna li bintu l-konvenuta ma kellha l-ebda access ghall-flejjes li kellha depositati l-bank ma' zewgha u kienet tiddependi biss fuq dak li kien itiha zewgha. Huwa jsostni li Juanita waqfet mix-xoghol meta binhom Jean Louis kien gie diagnosed bil-kundizzjoni ADHD (Attention Deficit Hyperactivity Disorder) kundizzjoni li tfisser illi t-tifel ghandu bzonn attenzjoni specjali kollha tul il-hajja skolastika tieghu. Nonostante dan, il-konvenut, li huwa negozjant baqa' jghix hajja normali bla ma ta kaz il-bzonnijiet tal-familja tieghu. Huwa kkonferma li sadanittant bintu Juanita talbitu xi flus sabiex tkun tista' tkompli tghix u dan sakemm zewgha jghaddilha l-manteniment ghaliha u ghal binhom minuri. L-attur flimkien ma' martu hassew li kellhom jghinu lil binthom ghalkemm huma pensjonanti u dan is-self kien ta' piz ghalihom. Dan ghamluh pero' bl-intendiment li jithallsu lura. Qal li huwa ghamel din il-kawza ghaliex ma jistax jibqa' jistenna li jithallas lura sakemm tispicca l-kawza ta' separazzjoni li ghadha fil-bidu taghha.

Spjega illi s-self sar ftit ftit u zamm rendikont bir-raguni ghala gew mislufa (Dok GBC 1). Dawn il-flejjes kienu jintuzaw minn Juanita sabiex jinxtraw affarijiet necessarji jew affarijiet li jaccertaw livell ta' ghajxien decenti. Qal ukoll li parti minn dawn il-flejjes intuzaw sabiex it-tifel ikompli fl-attivitajiet extra kurrikulari tal-iskola u sabiex l-istess tifel ikollu *weekly pocket money* bhat-tfal l-ohra. Qal li somma ohra ntuzat ghall-hwejjeg tat-tifel u ghar-ragunijiet medici konnessi mad-disorder tieghu ta' ADHD (vide Dok Q). Huwa ddikjara li lil Juanita silfilha wkoll flus sabiex tixtri xi medicinali, fuel ghall-karozza, gas halli ssahhan id-dar u sabiex taghmel tiswijiet illi jinqalghu fid-dar tul ix-xhur kif deskritt fil-prospett anness mal-affidavit.

**Juanita Fenech** fl-affidavit taghha kkonfermat hafna minn dak li qal missierha George Borg Cardona fl-affidavit tieghu. Ziedet tghid li r-relazzjoni taghha ma' zewgha ddetorjorat hafna tant li zewgha lanqas manteniment ma kien qed jghaddilha. La ghaliha u lanqas ghall- kura ta' binhom Jean Louis. Ikkonfermat li zewgha kien jiehu hsieb il-finanzi tal-familja u ma kellhiex access ghalihom. Kienet tiddependi biss fuq dak li kien jaghtiha. Qalet li zewgha kien itiha flus fil-gimgha li kienu jservuha bl-ezatt u ghalhekk spiccat minghajr sold waqt li hu baqa' ghaddej b'hajtu f'negozju sod tal-familja.

Spjegat li kien ghalhekk li sselfet il-flus minghand il-genituri taghha, fejn missierha ghandu disgha u sebghin (79) sena filwaqt li ommha ghandha hamsa u sebghin (75) sena. Ikkonfermat li minn Settembru elfejn u ghaxra (2010) hija bdiet titlob flus regolarment lill-genituri taghha sabiex tghix hajja decenti u dan ghal diversi ragunijiet kif spjegati minn missierha. Qalet li kien hemm okkazjonijiet meta missierha kien ihallas hu direttament ghas-servizz jew oggett li jkun inghata.

**Juanita Fenech** regghet xehdet fis-7 ta' Marzu 2012 fejn iddikjarat li huwa minnu li ghaddejja proceduri ghas-separazzjoni minn ma' zewgha, il-konvenut Mario Fenech. Huma baqghu jghixu taht l-istess saqaf sal-bidu ta' l-ewwel gimgha ta' Novembru elfejn u ghaxra (2010). Hija stqarret li xahar qabel kienet qabditu gewwa flat f'San Pawl il-Bahar flimkien ma' skrivana li kienet tahdem fl-ufficcju tieghu. Hija kienet ilha ma tahdem ghal kwazi ghaxar snin u r-ragel taghha kien jaghmel tajjeb ghal kollox. Ir-ragel taghha huwa d-direttur ta' kumpanija. Hija xtaqet tghid li hija kienet giet imsawta minnu sahansitra kien anke ghadda proceduri kriminali l-Qorti u spicca l-habs. Peress li t-tifel kien xhud kontra r-ragel taghha fil-proceduri, ir-ragel inpika mieghu u waqaf milli jhallas il-pagamenti.

Hija kkonfermat li binha kien imur St Edwards u kienu ser ikeccuh peress li missieru kien waqaf milli jhallas il-mizata u kien hemm hafna spejjez edukattivi. Saritilha referenza

ghal dokument GBC2 li huwa esebit fl-atti a fol 13, b'mod partikulari ghal dawk li jinsabu taht it-testatura *school activities*, u kkonfermat li t-tifel taghha kien attenda dawn l-attivitajiet kollha fosthom *school outings, school live ins,* pantomina*, Sicily trips, study live in, christmas presents* u qalet li fil-fatt kien ghamel tajjeb ghalihom missierha, l-attur. It-tifel kien ilu jattendi din l-iskola St Edwards minn dejjem u minn dejjem kien jattendi dawn l-attivitajiet. Dwar l-ispejjez edukattivi cioe' dawk taht it-testatura *educational* hija sostniet li dawn huma spejjez li nkorra missierha fuq talba taghha stess ghan-nom ta' binha. Kien dejjem missierha li kien isellifha l-flus.

Juanita Fenech sostniet li lir-ragel taghha kienet talbitu biex jaghmel tajjeb u sahansitra anke spiccaw telghu il-Qorti sabiex huwa jhallas il-kont tal-iskola. Fil-fatt il-Qorti ordnatlu biex ihallas. Hija kkonfermat li d-dentist fejn hadet lit-tifel jismu Charles Fenech, kif jirizulta mill-invoice esebita fl-atti, Dok. F,G,H a fol 20. Effettivament ma kienx it-tifel li kien attenda ghand id-dentist izda kienet hi u qalet li dawn l-ispejjez wkoll dejjem kien ihallashom ir-ragel. L-affarijiet taht it-testatura *floating* huma affarijiet bazici li kellha bzonn ghat-tifel u ghal darba ohra talbet lill-missierha biex jixtrihomlu. S'hawn l-ammonti msemmija f'dan id-dokument huma kollha Ewros. Ir-ragel taghha kien ihallas ta' kollox, ikel, u toiletries. Hija ma kinitx tahdem u ma kinitx tikkontribwixxi b'mod finanzjarju.

Sussegwentement ir-ragel taghha kien gie zgumbrat mid-dar u ma baqax ihallas lanqas manteniment u ma tahomx aktar flus u naturalment kellha tirrikorri lejn missierha. Hija ghamlet il-kalkoli taghha ghall-ewwel erba' gimghat bil-mitt ewro (€100) imbaghad ghas-sebgha u ghoxrin gimgha ta' wara bil-hamsin ewro (€50) ghaliex nel frattemp kienet gabet ghajnuna socjali mill-Gvern. Meta bdiet tircievi l-assistenza tal-Gvern hija ma baqghetx titlob lil-missierha ghal mitt ewro (€100) fil-gimgha. Hija stqarret li l-*pocket money* tat-tifel li dejjem kien jaghtih missieru ma baqax jghatihulu u ghalhekk beda' jaghtih il-*pocket money* missierha, fl-ammont ta' ghaxar ewro (€10) fil-gimgha liema jammontaw ghal wiehed u tletin gimgha, ghal ammont totali ta' tliet mija u ghaxar Ewro (€310).

Hija ddikjarat li meta huma jghidu *gas and fuel* hija tirreferi ghall-gas domestiku biex jixghelu l-*fireplace*. Hija tenniet li kienu juzaw cilindru wiehed fil-gimgha, sittax il-ewro (€16). Hija ssuq karozza diesel u tonfoq ghaxar ewro (€10) fil-gimgha u dawn dejjem kien ihallashom zewgha. Hija kellha ghajnuna d-dar, is-seftura kienet tigi darba fil-gimgha, imma meta telaq ir-ragel, kienet iggibha darba fil-hmistax u taghtiha tletin ewro (€30) kull darba.

Zewgha kien vjolenti maghha tant li kissrilha jdejha u kellha taghmel tlett operazzjonijiet f'idha. Fl-ahhar ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) kienu dahlulha d-dar fejn kisrulha l-bieb ta' barra u kellha titlob lill-missierha biex jaghtiha l-flus biex taghmel lock gdid. Huwa minnu li hija kellha taghmel manteniment fuq il-karozza ukoll, kif ukoll *car service* u kellha tbiddel ir-roti u dawn ammontaw ghal mitejn u tnejn u tmenin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€282.44). Id-dokument NOO huma l-ispejjez li hija ghamlet in konnesjoni ma' dawn. It-tifel taghha ghandu dizabilita' ghaliex gie diagnosed ADHD, learning disability u ghalhekk kellha taghmillu xi testijiet kif jindika id-dokument PSB fl-atti li ammonta ghal mija u disgha u tmenin Ewro (€189). Ikkonfermat ukoll li dawn gew imhallsa minn missierha. Fl-atti hemm esebit ir-rapport dwar dan. Dan kellu jsir sabiex huwa jkollu *special concessions* meta jigi biex jaghmel l-'O' Levels. Huwa minnu li l-proceduri baqghu ghaddejjin u l-imputat ma kienx inghata bail. Fil-fatt kien jinsab taht arrest preventiv ghal xi zmien. Hija taf ukoll li huwa kien gie zgumbrat mid-dar fil-bidu ta' Novembru 2010.

Mitluba tghid meta talbet il-manteniment mill-Qorti tal-familja tghid li kien immedjatament malli bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni. Hija spjegat li wara hafna xhur, il-Qorti ddekretat li zewgha jaghtiha sitt mitt ewro (€600) kull erba' gimghat ghaliha u ghal binha. Tlett mija ghaliha u tlett mija ghat-tifel. Illum il-gurnata pero' qed ihallashom. Mistoqsi meta effettivament kienet hadet lill-binha ghand Juan Camilleri qalet li haditu qabel ma kien ghamel l-'O' Levels tieghu. L-'O'Levels saru f'Mejju tal-elfejn u ghaxra (2010), cioe' sitt xhur qabel ma fethet il-kawza. Hija ma tiftakarx

id-data ezatt ta’ meta kienet haditu ghand Ruth Falzon, pero’ taf li qabel ma fethet il-kawza wkoll, ghall-bidu ta’ Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

**Michael Chittenden** xehed nhar it-13 ta’ Lulju 2011 fil-kapacita’ tieghu ta**’** surmast ta’ l-iskola St. Edward’s College u spjega li m’ghandu x’jaqsam xejn mal-hlasijiet li jsiru l-iskola u ma jaf xejn dwar dak li jsir mill-istudenti bhala *extra curriculum activities* u hlasijiet dwarhom. Il-persuna inkarigata hija il-*purser* Sandro Bruno.

**Charles Cuschieri** xehed fis-27 ta’ Settembru 2011 u kkonferma li huwa sid il-garage maghruf bl-isem SGS Garage, Triq Felic Borg, Misrah Lewza, San Gwann u qal li huma nkarigati mit-trasport ta’ St Edwards College, sabiex jakkompanjaw it-tfal l-iskola. Fost it-tfal li huma jiehdu l-iskola ghandhom lil John Louis Fenech, ta’ Edwig Ville, Triq is-Sienja, Attard. Ix-xhud stqarr li huma rikbu lit-tifel fl-ahhar term tal-iskola tas-sena elfejn u ghaxra (2010), pero’ l-hlas ghadu ma sarx u baqalhom jiehdu s-somma ta’ mija hamsa u sebghin Ewro (€175). Huwa jsostni pero’ li huwa huh Rene li jiehu hsieb. Il-kont jaf li jibghatuh lill-omm it-tifel**.**

**Rene’ Cuschieri,** d-driver li jghabbi t-tfal ghal St Edwards College xehed nhar is-27 ta’ Settembru 2011 u kkonferma li huwa jghabbi kuljum it-tifel John Louis Fenech ta’ Edwig Ville, Triq is-Sienja, Attard. Mistoqsi jekk huwa rikkibx lil dan it-tifel minn Jannar sa’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011), wiegeb li iva, effettivament kien rikbu, u rikbu mid-dar tieghu Triq is-Sienja, Attard u hadu lejn il-kullegg u mbaghad wara nofs in-nhar jerga’ jigbru mill-kullegg St Edwards u jerga’ jiehdu lura lejn H’Attard. Mistoqsi jekk it-tifel kienx ifalli qal li ma tantx kien ifalli milli jiftakar hu.

**Mario Fenech** xehed nhar is-16 ta’ Dicembru 2011 u kkonferma li huwa mizzewweg lil Juanita Fenech u ghandhom tifel Jean Louis. Huwa minnu li f’Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) bdew il-proceduri ghas-separazzjoni bejnu u bejn il-mara tieghu. Huwa spjega li kien gie mkecci mid-dar u spicca go cella tal-pulizija. Ghamel sbatax-il jum il-habs. Huwa dam jghix taht l-istess

saqaf mizzewweg mal-mara ghal sebgha u ghoxrin sena, u jekk mhux sejjer zball ghall-ewwel hdax-il sena hija hadmet b'mod regolari. Sussegwentement waqfet mix-xoghol, pero' kienet taghmel xi xoghol *part time* ghall-kumpanija tal-familja tieghu. Waqt li kienu ghadhom taht l-istess saqaf huwa kien imantni lill-familija u jaghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha. Huwa minnu wkoll li minn mindu bdew bis-separazzjoni huwa ma baqax imantni lill-familja tieghu, la lill-mara u lanqas lit-tifel. Illum it-tifel taghhom ghandu sittax-il sena.

Qabel ma gara' dan l-incident ta' Awissu 2010 huwa kien ihallas l-ispejjez kollha tat-tifel u jaghti wkoll il-manteniment dovut. Jaf li t-tifel kien jattendi l-iskola St Edwards, il-Kottonera u kien jaghmel tajjeb ukoll ghat-trasport tat-tifel, ghall-kotba tal-edukazzjoni tieghu u sahansitra kien anke jgib id-dar lil Equal Partners, edukaturi li jigu d-dar biex jghinu lit-tifel taghhom li kien gie ccertifikat li qed ibaghti minn ADHD. Sussugwentement sar jaf li c-cekkijiet li kien qed johrog ghall-Equal Partners kienu qeghdin jigu msarrfa mill-mara tieghu b'mod illecitu u kienet tmur issarrafhom minghand is-supermarket, u ghalhekk ma harigx aktar cekkijiet u tal-Equal Partners ma marrux aktar id-dar. Dan kollu sehh wara Awissu 2010. Fis-sajf pero' qatt ma kienu jmorru.

Huwa kkonferma li wara li bdew il-proceduri tas-separazzjoni huwa ma kellux aktar kuntatt mal-familja u ma ghamilx aktar hlasijiet. Ikkonferma li meta kien ghadu d-dar, ibnu bhal tfal ohra, kien ikollu *live-ins, outings, parties* u dejjem hallas kollox. Qatt ma hallieh nieqes minn xejn. Mistoqsi jekk kienx hemm spejjez medici, wiegeb li iva kien hemm, pero' dawn kienu koperti peress li kien ihallas *health insurance*. Huwa qal li meta huwa ssepara minn mal-mara de facto, kien waqqaf l-*insurance* tal-mara pero' zamm dik tat-tifel u tieghu. Kien waqqaf l-*insurance* tal-mara peress li wadbitu l-habs wara sebgha u ghoxrin sena jissawwat gewwa daru. Waqt li kienu taht l-istess saqaf, il-hwejjeg tal-mara u tat-tifel kien jaghmel tajjeb ghalihom hu. Huwa kkonferma li kien ihallas l-ispejjez kollha tad-dar dawk tal-ghajxien, tad-dawl u l-ilma, tal-elettriku fid-dar, fuel u l-ikel. Fis-sajf pero' qatt ma

kien jixtri gas, fid-dar kollox huwa tal-elettriku u l-gas kienu jixtruh fi zmien ix-xitwa biex isahnu d-dar.

Huwa minnu li t-tifel tieghu ghandu bzonn attenzjoni specjali, tant li kien igiblu l-Equal Partners id-dar. Fl-imghoddi kienu ghamlulu xi testijiet medici u naturalment kien hallashom hu ukoll. Dehrlu li kellu jieqaf milli jaghmel il-hlasijiet ulterjuri peress li ma ghandux aktar kuntatt maghhom. Spjega li ibnu ma ghaddhiex mill-O'Levels kollha, gab tnejn biss u jinsab fl-ewwel sena ta' Giovanni Curmi, in-Naxxar, u dan sabiex jirrepeti l-O'Levels. It-tifel spicca mill-Form V ta' St Edwards fis-sajf tas-sena 2010. Illum ihallas sitt mitt Ewro (€600) kull erba' gimghat skont id-digriet tal-Qorti tal-Familja, dan b'effett meta gie ordnat mill-Qorti, mid-data tad-digriet.

Spjega li qabel ma telaq mid-dar sar jaf li martu haditlu xi sitt mitt cekk, liema cekkijiet kienu fuq kont tieghu, u kienet tiffirma b'mod fraudulenti Mario Fenech fuqhom u dawn gew imsarrfa. Jikkalkula li martu haditlu 'l fuq minn hamsin elf euro (€50,000) u dan kollu sehh tul il-perjodu ta' tlett snin qabel is-separazzjoni *de facto* taghhom. Matul iz-zwieg huma kellhom il-komunjoni tal-akkwisti, ic-cekk book pero' kien f'ismu biss, u jghid li prokura fuq isimha ma kienx hemm. Meta t-tifel spicca l-iskola, ma kellux bzonn aktar uniformijiet, ghax fl-iskola Giovanni Curmi ma hemmx uniformijiet, u ma jistax ikun li fi zmien erba' xhur intefqet is-somma ta' hamest elef mitejn u tmenjn Ewro (€5,280) fuq ibnu biss. Ma jistax ikun li martu xtrat il-gas fis-sajf ghaliex fid-dar juzaw il-gas biss biex isahhnu d-dar. Huwa sahaq li martu kellha hamsin elf Ewro (€50,000) minn tieghu f'idejha u jixtieq ikun jaf x'ghamlet bihom. Qal li serqitlu wkoll Rolex mid-dar li jiswa mal-erbat elef ewro (€4,000). Jaf ukoll li naqas sett tal-fidda mid-dar li jiswa mal-elfejn ewro (€2,000) u peress li ilu nieqes mid-dar sena u tlett xhur ma jafx x'aktar hemm nieqes mid-dar. Qal li serqitlu wkoll il-hwejjeg personali tieghu li jammontaw ghal xi elfejn u tlett mitt ewro (€2,300). Huwa m'ghandux fiducja fl-ircevuti li gew esebiti u in oltre ma jridx ihallas lis-sur Borg Cardona ghaliex bintu, li tigi martu, telqitu.

**Joseph Abela** xehed fit-3 ta' April 2012 ghan-nom ta' Miller Distributors fejn gie mitlub jikkonferma l-invoice datata 11 ta' Ottubru 2010 immarkata Dok A a fol. 15. Il-kotba kienu nhargu ghat-tifel li jattendi l-iskola St Edwards. Qal li l-kotba kienu gew ordnati izda ma gewx delivered u ghalhekk il-kumpanija ma kienet rceviet l-ebda hlas.

L-istess xhud rega' xehed fl-**10 ta' Mejju 2012** fejn iddikjara illi qed jixhed ghan-nom u bhala raprezentant ta' Agenda Bookshop. Huwa spjega li x-xhieda li kien ta fis-seduta precedenti kienet skorretta, fil-fatt il-klijent verament kien gabar dawn il-kotba minn ghandhom u huwa kien hallas. Huwa prezenta kopja tac-cekk li l-klijent hallas bih fl-ammont ta' mija u dsatax-il Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€119.45). Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CSH, u dan ic-cekk jirrelata ghal invoice esebita u mmarkata bhala Dokument A. Huwa spjega li l-informazzjoni li tah l-impjegat taghhom fis-seduta precedenti kienet skorretta. Dan l-impjegat huwa Alan Schembri.

**Alfred Zaffarese** xehed nhar it-3 ta' April 2012, fejn iddikjara li huwa d-Direttur tal-Ezamijiet. Muri l-invoice f'isem Jean-Louis Fenech ID 407595M mmarkata Dok C2 a fol 18, qal li din l-invoice hija fl-ammont ta' €109.51 u kkonferma li d-dipartiment kien thallas dan l-ammont. Ix-xhud ipprezenta kopja tal-istess invoice mahruga mis-sistema taghom li giet immarkata Dok C2(1).

**Mario Spiteri Maempel** xehed fl-10 ta' Mejju 2012 in rapprezentanza tar-Royal Pharmacy, Republic Street, Valletta. Huwa gie muri ricevuta, *cash sale,* mahruga mill-Royal Pharmacy fit-30 ta' Marzu 2011, li tinsab inserita fl-atti a fol 21 u mmarkata bhala Dokument J. Huwa kkonferma li din hija l-ircevuta fiskali li tohrog mill-ispizerija tieghu u kkonferma wkoll li skond ma hemm miktub, il-kumpanija tieghu rceviet is-somma ta' erbatax-il Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€14.71). Ix-xhud qal illi l-probabilta' hija li din l-ircevuta giet rilaxxata mill-ispizerija tieghu.

**Anthony Camilleri** xehed fl-10 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta' British Home Stores, maghruf bhala Camilleri Establisment Limited. Huwa gie muri dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dokument K a fol 22 liema dokument huwa datat 6 ta' Dicembru 2010. Ix-xhud ikkonferma li din hija l-ircevuta fiskali li johrog mill-hwienet taghhom u cioe' dak li jinsab gewwa Naxxar Road, Birkirkara. Huwa stqarr illi dakinhar kienet giet ritornata Military Dress u minflok giet mehuda libsa ta' mara, anzi kienet drummer boy jacket li tiswa tnejn u hamsin Ewro (€52). Pero' dakinhar thallas il-bilanc ta' seba' Ewro (€7). Huwa spjega li b'kollox is-socjeta' taghhom irceviet is-somma ta' tnejn u hamsin Ewro (€52). Il-libsa kienet size 14 filwaqt li l-gakketta li ttiehdet flokha kienet size 10. Huwa sostna li ma jkunx fil-hanut u ghalhekk ma jafx ezattament min hallas dawn il-flejjes jew min ha l-prodott minn ghandhom.

**Noel Farrugia** xehed fl-10 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala valcanizer gewwa l-istabbiliment 21, Mdina Road, Attard. Huwa gie muri dokument u cioe' *cash sale invoice* u ricevuta li huma mmarkati bhala Dokument O a fol 26 tal-atti. Huwa spjega illi huwa kien installa xi tyre fil-vettura EBK 637 u huwa kien thallas ta' dan ix-xoghol. Huwa jiftakar li kienet is-sinjura prezenti fl-awla, li l-Qorti qaltlu li jisimha Juanita Fenech li kienet marret bil-karozza in kwistjoni. Mistoqsi jekk jiftakarx it-tip tal-karozza, qal li le. Huwa kkonferma li dan ix-xoghol kien sar fit-22 ta' Dicembru 2010. Mistoqsi ghaliex effettivament fuq dan l-invoice kien hemm miktub Percius Car Hire Limited u mhux Juanita Fenech, huwa wiegeb li ma jafx ghax mhux hu kiteb l-invoice izda haddiem tieghu, certu Joseph Scicluna.

Ix-xhud gie mistoqsi wkoll ghaliex kiteb Mario Fenech fuq l-invoice u qal illi mhux f'posizzjoni li jwiegeb, pero' jaf li kienet is-sinjura Juanita Fenech li hallset l-ammont indikat fl-ircivuta ghax kien hu li rcieva l-hlas. Huwa pero' ma jiftakarx jekk kienx cash jew cekk. Pero' jahseb li effettivament huwa kien thallas cash u kienet hallsitu in konnessjoni ma' dan l-invoice. Huwa jiftakar li qabel ma x-

xhud tela’ jaghti x-xhieda tieghu fis-seduta, mar jitkellem ma’ Dr Zammit Lewis fuq din il-kwistjoni.

**Romwald Attard** xehed ukoll fl-10 ta’ Mejju 2012 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u bhala raprezentant tal-Bank of Valletta. Huwa jokkupa l-kariga ta’ *manager legal office*. Ix-xhud gie muri cekk u gie mitlub sabiex jaghti nformazzjoni fuq dan ic-cekk li kien inhareg bin-numru 1083 nhar it-28 ta’ Ottubru 2010. Dan inhareg mill-kont numru 11202840028 intestat f’isem George Borg Cardona. Huwa spjega li dan l-ammont hareg favur Agenda Bookshop fl-ammont ta’ mija u dsatax-il Ewor u hamsa u erbghin centezmu (€119.45). Huwa esebixxa kopja tac-*cheque image* li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH1.

**Ruth Falzon** xehdet nhar il-11 ta’ Lulju 2012 fejn iddikjarat li hija specjalista fil-*learning disabilities* u tahdem l-universita’. Hija rat id-dokument P esebit f’dawn l-atti, li hija ricevuta u  qalet li dik l-ircevuta ma hargitiex hi.  Hija spjegat li hija ma tohrogx ricevuti, imma l-klinika taghha tohroghom. Hija tiftakar li kienet rat lil Jean-Louis Fenech f’Marzu 2009, u kienet harget rapport fil-konfront tieghu. L-ewwel darba li rat lil dan it-tifel, kien gie fil-kumpanija tal-genituri tieghu Mario u Juanita Fenech. Pero’ in segwitu it-tifel beda jigi wahdu ghat-trattament u mhux mal-genituri tieghu.

Hija qalet li effettivament kienet thallset is-somma ta’ mitejn sitta u hamsin ewro ghar-rapport li kienet irrilaxxat. Hija kienet halliet ir-rapport mas-segretarja taghha, fejn dan ingabar minn xi hadd u sar il-pagament, pero’ min effettivament hallas ma tistax nghid. Qalet li l-firma li tidher fuq id-dokument P, tixbah dik taghha pero’ taghha hija hafna akbar u ghalhekk din zgur mhix taghha.

Ix-xhud sostniet li r-rapport esebit bhala dokument Q fil-process mhux dak rilaxxat minnha. Ir-rapport taghha jkollu header and footer bid-data u f’dan il-kaz ma hemmx u ghalhekk dan ir-rapport mhux vera kopja tal-original. Fil-fatt  d-dokument Q, huwa page 3 u page 4 mir-rapport

taghha u ghalhekk fil-fehma taghha dokument Q qisu li gew maghquda zewg rapporti flimkien.

Hija esebiet kopja tar-rapport li kienet irrilaxxat hi, liema rapport gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Il-firma a fol 5 ta' dan ir-rapport mhix il-firma taghha pero' tixbahha. Hija kkonfermat li mit-12 ta' Marzu 2009 'il quddiem ma regghetx ratu lil dan it-tifel. Mistoqsija jekk qattx iltaqghat mal-missier ta' dan it-tifel qalet li iva, kienet iltaqghet mieghu l-ewwel darba qabel ma nvistat lit-tifel.

Hija spjegat li l-pagamenti ma jsirux lilha, izda lir-receptionist u ghalhekk, min ihallas ma tistax tghid. Il-firma fuq id-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhal dokument Q mhix il-firma taghha, kif ukoll il-firma fuq dokument P. Il-firma taghha hija dik murija fid-dokument Z esebit minnha seduta stante.

Hija qatt ma nvistat lit-tifel in kwistjoni fis-sena 2011 u hargitlu xi rapport minhabba l-Matsec. Dan hija cahditu. Fir-rapport Dok Q hemm miktub Falzon biss mentri li hija tikteb Ruth Falzon u bid-data tieghu. Hija qalet li pagna wiehed u tnejn ta' dan ir-rapport ma jinsabux inseriti fl-atti, u hija ma tibdiex ir-rapport taghha minn page 3. Il-kontenut ma tahsibx li huwa mbaghbas fis-sens ta' dak li huwa taghha, pero' fil-parti ta' isfel hemm id-tbaghbis fis-sens li ma hemmx data. Hija giet murija pagna 32 tal-atti u qalet li dan ir-rapport ma giex imhejji minnha. Hija kienet rat rapport ta' Jean-Louis Fenech qabel 2009 u jekk issa sar xi rapport iehor wara, hija ma kinitx taf bih.

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju 2012 fejn wara li l-Qorti semghet ix-xhieda ta' Ruth Falzon, ordnat illi x-xhieda taghha flimkien mal-affidavit tal-attur u dokumenti "P", "Q" u "Z" esebiti fl-atti jigu mghoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-indagini relattiva jekk ihoss li hemm il-htiega.

Rat il-verbal tat-3 ta' Ottubru 2012 fejn Dr Aaron Mifsud Bonnici pprezenta l-original tad-dokumenti esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok P u Dok Q liema zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok P1 u Dok Q1 rispettivament.

Il-Qorti ordnat li l-fotokopja ta’ dawn id-dokumenti jintbaghtu lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jifformaw parti mill-investigazzjoni gia ordnata, waqt li l-original jinzammu ssigillati fis-sigrieta tal-Qorti flimkien mal-process relattiv u l-process johrog mis-sigrieta taghha biss wara li ssir talba ad hoc.

Rat ix-xhieda tal-attur **George Borg Cardona** tal-21 ta’ Novembru 2012 fejn fiha esebixxa dikjarazzjoni maghmula minnu liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument S u huwa kkonferma l-kontenut ta’ din l-istess dikjarazzjoni.

F’din id-dikjarazzjoni l-attur irrefera ghall-kontestazzjoni li saret dwar ic-certifikat (Dok Q) u l-ircevuta (Dok P) ta’ Ruth Falzon. Huwa kien jiehu hsieb l-iskola tan-neputi Jean-Louis peress li missieru kien ittraskurah u fil-bidu ta’ Marzu 2011 kien fakkru fl-ezamijiet tal-MATSEC u GCSE ta’ Mejju u Gunju 2011. It-tifel wiegbu li dawn kienu jinvolvu fi spejjez ta’ privat, exam papers u htigijiet ta’ l-Arti u ried igib certifikat minghand Ruth Falzon jew Juan Camilleri biex jinghata ghajnuna minhabba l-kundizzjoni tieghu. L-attur tah mitejn Ewro (€200) u ghamillu enfasi biex jehodlu l-ircevuti.

L-attur sostna li dwar ic-certifikat u l-hlas tieghu, in-neputi qallu li gab ic-certifikat u l-ircevuta minghand Ruth Falzon u ghalhekk l-attur talbu biex johodhomlu. Meta dam ma hadhomlu u gie bzonnhom biex jipprezenthom il-Qorti kien ordnalu biex johodhomlu mmedjatament u filfatt tahomlu gurnata qabel. L-attur iccekja li l-ammont jaqbel ma’ dak li kien qallu u wahhalhom mad-dokumenti l-ohra. Huwa stqarr illi ma qaghadx jiflihom ghax dakinhar kellu laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija fuq *complaints* serji dwar agir tal-pulizija li kien jinvolvi preparament ta’ diversi dokumenti. L-ghada huwa hadhom ghand l-avukat ghax kellhom il-kawza dakinhar u wara li hadu fotokopja taghhom, ghaqduhom u marru l-Qorti fejn ipprezentawhom.

L-attur iddikjara li kien baqa' skantat meta f'seduti sussegwenti nqalghu diffikultajiet dwar l-ircevuta u c-certifikat. Huwa ndaga x'seta' gara u kkonfronta lit-tifel fejn dan ammetta li kien gablu certifikat tal-passat u ricevuta li kien ghamel fuq ktieb li sab id-dar. Il-flus li kien tah, it-tifel kien nefaqhom f'mobile phone u xi affarijiet ohra. Huwa ma kienx jaf li l-attur kien ha jipprezenta dawn id-dokumenti l-Qorti.

Huwa sostna li tant kemm hu u l-avukat ma kienu jafu b'xejn b'dan kollu, li harrku lil Ruth Falzon biex tikkonferma l-claim. Meta ma dehritx fis-seduta kien hu stess li fittex fejn setghet tigi notifikata biex tmur tixhed favur tieghu. Kieku kienu jafu li d-dokumenti ma kienux genwini ma kienux ha jtellghuha biex tixhed.

L-attur qal illi jkollu jaccetta l-htija li minhabba l-pressjoni taz-zmien u preparazzjonijiet mehtiega ghall-laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija, ma vverifikax sew dawn id-dokumenti ghax kieku kien jinduna b'xi haga dubjuza. Huwa ddikjara li ta kastig misthoqq lit-tifel. L-attur stqarr illi wiehed irid japprezza li t-tifel kien imdorri fil-lussu ta' missier sinjur u f'daqqa wahda sab ruhu fin-nuqqas minhabba l-limitazzjoni tal-finanzi tieghu u li ghal kollox ried jittallab lil nannuh li hu pensjonant.

Huwa fakkar li x-xhud ta' l-Agenda Bookshop xehed falz li numru ta' kotba ta' l-iskola li kien ordna Mario Fenech ghal ibnu izda ma gabarhomx, u hallas ghalihom l-attur ghax it-tifel ma kienx qed jithalla jidhol fil-klassi minghajrhom. Fortunatament meta gabarhom kien hallas b'cekk u wera' li tali xhieda ma kinitx veritiera. Ix-xhud kien gab bhala skuza li l-impjegati kienu tawh informazzjoni hazina pero' l-attur ma talabx ghal xi nkjesta dwar dan.

L-attur iddikjara li ghalkemm hareg dawn il-flus, huwa rtira dan il-claim dwar din in-nefqa ghax ma gietx sostanzjata b'mod korrett u ghalhekk huwa qed jaghmel dan b'sens ta' rgulija. Huwa stqarr illi l-Qorti ghandha tkun sodisfatta li hu persuna li ta snin twal ta' servizz b'integrita' u onesta' fl-amministrazzjoni pubblika u dik tal-gustizzja, u zgur ma

kienx se jipprezenta fil-Qorti dokumenti jekk kien jaf li m'humiex genwini. Ghalkemm huwa rtira din il-claim partikolari, baqa' jsostni l-claims l-ohra kollha. Huwa ddikjara li mhux se jressaq iktar provi.

L-**Ispettur Jonathan Ransley** xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa spjega li wara li rcieva l-komunika tal-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2012, huwa kien baghat ghal Ruth Falzon sabiex ikellimha dwar rapport li kien gie pprezentat minn George Borg Cardona li jinsab fl-atti tal-kawza. L-Ispettur kien ghamlilha referenza ghad-dokument Q li qieghed esebiet fl-atti a fol 28 u hija cahdet li qatt harget dan ir-rapport. Fil-fatt kienet tat kopja tar-rapport lill-Ispettur li kienet harget hi, liema rapport huwa datat 25 ta' Settembru 1995 u huma l-istess. Ir-rapport huwa datat 12 ta' Marzu 2009, li huwa esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument Z. Ruth Falzon kienet qalet lill-Ispettur li parti mir-rapport li kienet irrilaxat hi, jidher minn dak id-dokument Q jidher li huma alterati. Qalet ukoll li hemm nieqes id-data Marzu 2009 bhala *footer*, u qalet ukoll li fl-ahhar pagna tar-rapport taghha, l-originali suppost hemm 15 Marzu 2009, u dan ukoll kien nieqes. Qalet ukoll li ricevuta li kienet giet esebita fl-atti minn Borg Cardona mhix ircevuta taghha.

L-Ispettur kien baghat ghal Juan Camilleri li esebilu dokument li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala SP. Dan id-dokument indika li fir-rapport esebit minn Borg Cardona, u cioe' Dok Q hemm bicca mis-sentenza bit-tipex fejn kien hemm miktub li Camilleri kellu jerga  jara lit-tifel fi zmien tliet snin, li tinsab f'pagna 4, tal-istess Dok Q.

Ix-xhud spjega li fil-11 ta' Dicembru 2012, kien baghat ghal Jean-Louis Fenech, u kienu talbu l-assistenza tal-Appogg peress li dan huwa minuri u minhabba c-cirkustanzi li hadd mill-familjari ma seta' jkun prezenti. L-Appogg kienu baghtu lil certu Stephanie Mizzi. Prezenti kien hemm ukoll is-surgenta WPS 61 Maria Cuschieri. Huma staqsewh jekk effettivament kienx minnu li huwa baghbas id-dokument, kif kien stqarr George Borg

Cardona. Fil-fatt stqarr maghhom li kien hu stess li baghbas id-dokument.

Huma gabulu wkoll assistenza ta’ Avukat quddiem ommu Juanita Fenech u fil-fatt irrifjuta li jiehu parir legali. Huwa esebixxa dikjarazzjoni tar-rifjut li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument SP1 u statement ta’ dan il-minuri li hi mmarkata mill-Qorti bhala dokument SP2. Fill-fatt irrizulta skont l-istatement ta’ Jean Louis Fenech li r-rapport ta’ Jean Camilleri ma kien rah qatt waqt li r-rapport ta’ Ruth Falzon kien rah meta kien baghbas id-dokument. Meta l-Ispettur staqsieh x’kien baghbas f’dan id-dokument, huwa wiegeb li kien ittipexja d-dati tal-2009 fil-parti ta’ isfel u bil-lapes kitibhom 2011. L-Ispettur sostna li fir-rapport ipprezentat mis-sur Borg Cardona ma kien hemm imkien imnizzel 2011. Hu qal pero’, li ma jiftakarx li kien hemm linja ittipexjata fuq ir-rapport ta’ Juan Camilleri peress li hu qatt ma kien rah.

L-Ispettur irrizultalu mix-xhieda li ta’ Jean Louis Fenech li huwa kien inghata xi flus minghand George Borg Cardona sabiex huwa jmur jottjeni l-kunsens li kellu bzonn biex jaghmel xi ezamijiet, kif ukoll biex jixtri xi materjal tal-arti, meta in effetti uza dawk l-istess flus biex xtara mobile. Meta staqsewh meta xtara dan il-mobile, kien qal li kien xtrah fis-sajf, piu’ o menu fix-xahar ta’ Gunju 2011. Ix-xhud stqarr li George Borg Cardona kien ilmenta dwar il metodu li uza biex jinterroga lil dan il-minuri u kien gie mitlub mis-superjuri tieghu sabiex iwaqqaf din l-investigazzjoni u ghalhekk ma setax ikompli.

In kontro-ezami l-Ispettur ikkonferma li effettivament l-interrogazzjoni fuq it-tifel damet tliet sighat u cioe’ mit-tlieta u nofs sas-sitta u nofs. Ix-xhud kellu kopja tal-process kollu f’idejh, kien jaf li t-tifel ibghati minn ADHD u kien hemm raprezentanta tal-Appogg. L-Ispettur sostna li hadd ma qallu li ma setghax jinzamm f’kamra maghluqa. It-tifel ingieb l-ghassa minn ommu, u fl-ebda hin ma qaltlu li ma setghax jinzamm maghluq it-tifel. Ir-rapprezentanta tal-Appogg fl-ebda hin ma ntervjeniet sabiex it-tifel jinghata break.

Ix-xhud stqarr li huwa staqsieh xi domandi ohrajn apparti l-kwestjonijiet li hawn pendenti l-Qorti. Waqt li huwa kien qed jinterroga lil dan il-minuri jaf li s-Sur Borg Cardona kien cempillu tliet darbiet. Is-sur Borg Cardona kien cempel lill-ufficjali ta’ fuqu u dawn kienu cemplu lix-xhud biex jghaggel bl-investigazzjoni tieghu. Wara li l-Ispettur spicca l-investigazzjoni ta’ dan it-tifel huwa kien baghat ghas-sur Borg Cardona fejn gie b’certu aggressivita’ u pponta subghajh f’wicc is-social worker, u qal li kien ser jirraporta kemm lilha lil ta’ fuqha, kif ukoll lix-xhud. Fil-fatt hekk ghamel ghax qal lill-Ispettur li kien irrapurtah kemm lis-Supretendent Antonello Grech kif lil ukoll lill-Assistent Kummissarju Raymond Zammit.

L-Ispettur spjega li huwa kellu ordni mis-Supretendent Antonello Grech li la darba kien ser ikellem lil Juan Louie Fenech in konnessjoni ma’ din il-pendenza kellu jkellmu wkoll in konnessjoni ma’ investigazzjoni ohra li kienu qeghdin jinvestigaw. Huwa illimita l-istatement odjern propju ghall-fini ta’ din il-kawza. Il-hsieb tax-xhud kien li t-tifel jaghmel statement iehor b’relevanza ghal investigazzjoni l-ohra. Pero’ is-sur Borg Cardona ma tahx cans. Huwa cahad li ghamel pressjoni fuq it-tifel biex jirtira dak li qal u fil-fatt nizzel ir-risposti kif weghgibhom it-tifel bl-Ingliz. Mhux minnu dak li allegatement it-tifel seta’ qal lis-sur Borg Cardona li l-Ispettur ghamel pressjoni fuqu biex jirtira xi rapport.

L-Ispettur iddikjara li huwa kien qed nigi imfixkel fl-investigazzjoni tieghu, tant li s-sur Borg Cardona kien anke mar l-ghassa u staqsa lil sub alterni tal-Ispettur sabiex ikellmuh waqt li huwa kien qed jinvestiga. Huwa baqa’ jinsisti u jkellmu waqt li kellu t-tifel quddiemu u fil-fatt ix-xhud sahansitra hassu mhedded meta huwa ipponta subghajh lejn is-social worker u qal li kien ser jirraporta lill-Ispettur lil ta’ fuqu. Pero’ l-Ispettur ma ghamilx rapport f’dan is-sens. Is-Supretendent Antonello Grech kien qallu biex jieqaf minn din l-investigazzjoni. Huwa jaf li qabel ma’ telaq, it-tifel qallu li jekk xtaq ibiddel xi haga hu kien se jmur ikellmu. L-Ispettur wiegbu li f’dan il-kaz ikun hemm bzonn li jaghmel statement mill-gdid. Meta qallu hekk, dan

it-tifel donnu inhasad. It-tifel in kwistjoni illum ghandu sbatax-il sena

**L-Assistent Kummissarju Raymond Zammit** xehed fl-20 ta’ Marzu 2013 fejn ikkonferma li kienet ghaddejja investigazzjoni mill-ispettur Jonathan Ransley u jaf li s-sur Borg Cardona kien jinforma lix-xhud u jittama li l-proceduri kienu mexjin sew. Ix-xhud spjega li huwa kien iqabbad lis-supretendent Antonello Grech li jigi dirett fuq l-ispettur Ransley biex jivverifika li l-affarijiet kienu mexjin bl-ezatt. Huwa ma jafx li kien hemm xi intoppi jew xi allegazzjoni li l-affarijiet ma mxewx sew in konnesjoni mal-investagazzjoni ordnata minn din il-Qorti. Sussegwentement jaf li kien deher xi artikolu in konnesjoni ma’ din il-kawza fil-Malta Today fejn kien gie allegat li x-xhud b’xi mod kien waqqaf lill-ispettur mill-investigazzjoni. Huwa qal li dan m’hu minnu xejn, anzi qalilhom biex ikomplu ghaddejin b’investigazzjoni kif suppost.

L-Assistent Kummissarju stqarr illi minn meta bdiet din l-investigazzjoni l’hawn kienet okkazjoni wahda biss meta cempillu s-Sur Borg Cardona, f’Dicembru 2012. Mistoqsi jekk kinitx procedura normali li c-cittadini jcemplulu wiegeb li *complaints* ikun hemm fir-rigward tas-subalterni tieghu. Huwa ilu jaf lis-Sur Borg Cardona madwar sentejn u nofs. Effettivament wara li kien deher l-artikolu, l-Kummissarju tal-Pulizija ordna investigazzjoni u rrizulta li l-investigazzjoni li kienet qed tigi mizmuma mill-Ispettur Ransley effettivament qatt ma twaqqfet. Huwa ikkonferma li s-Sur Borg Cardona qatt ma talbu biex iwaqqaf l-investigazzjoni.

**Supretendent Antonello Grech** xehed fl-4 ta’ April 2013 fejn iddikjara li huwa jaghmel supervizjoni bhala supretendent tal-investigazzjonijiet li jsiru fid-distrett tieghu u cioe’ dak ta’ B’Kara li jkopri wkoll Balzan. Huwa kien ircieva t-tielet verbal tal-Qorti ghax it-tnejn ta’ qabel ma kinux gew ikkommunikati lilu. In segwitu kien qabbad lill-Ispettur Ransley sabiex jibda din l-investigazzjoni. Huwa jaf li l-Ispettur kien beda b’din l-investigazzjoni u sahansitra kien anke tkellem mieghu kif ghandu jimxi f’din

l-investigazzjoni. L-Ispettur Ransley kien urieh ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-attur George Borg Cardona u esebita fl-atti bhala dokument S a fol 106 fejn f'din id-dikjarazzjoni hemm imnizzel illi n-neputi tas-sur George Borg Cardona kien ammetta li kien ghamel hu l-falsifikazzjoni fid-dokumenti esebiti fl-atti. Fil-fatt is-Supretendent kien ta struzzjonijiet lill-Ispettur Ransley sabiex jibda jinvestiga lit-tifel li kellu sittax jew sbatax-il sena. Sa fejn jaf ix-xhud l-Ispettur Ransley kien sahansitra investiga lit-tifel u kien anke ha stqarrija tal-istess tifel.

Ix-xhud gie muri stqarrija esebita fl-atti mmarkata bhala dokument SP2 a fol 123 datata 11 ta' Dicembru 2012. Effettivament din hija l-istqarrija li kien irrilaxxa dan l-istess tifel, Jean Louis Fenech. In segwitu l-Ispettur Ransley kien tkellem max-xhud u fejn tah struzzjonijiet sabiex jibghat ghall-attur George Borg Cardona sabiex jinvestigah fuq dawn l-allegazzjonijiet. Huwa filfatt kien ta parir lill-Ispettur Ransley sabiex igib mandat ta' arrest u jimxi fuqu, u filfatt hekk kien ghamel. Ix-xhud jahseb li l-Ispettur ma kienx baghat ghalih u f'xi 7 jew 8 ta' Jannar ircevew *complaint* minghand il-Kummissarju tat-Tfal rigwardanti l-investigazzjoni fuq it-tifel. Mistoqsi mill-Qorti min kien ghamel dan ir-rapport lill-Kummissarju tat-Tfal, wiegeb li dan kien sar mill-attur stess, pero' huma rcevew il-*complaint* minghand il-Kummissarju tat-Tfal. Is-Supretendent baghat ghall-file tal-pulizija u l-Ispettur Ransley qallu li kien ser jibghat ghalih dakinhar stess, pero' x-xhud qallu biex ma jibghatx ghalih dakinhar halli l-ewwel jezaminaw il-file. Ix-xhud ghamel review tal-investigazzjoni u fil-fehma tieghu l-Ispettur Ransley kien mexa skond il-ligi, u ghamel *draft reply* li kellha tintbaghat lill-Kummissarju tat-Tfal. Sussegwentament jaf li kien hemm xi seduta l-Qorti u wara din is-seduta regghu bdew b'din l-investigazzjoni.

Is-Supretendent Grech tenna li l-attur kien gie arrestat skont il-mandat mahrug mill-Magistrat. Il-Magistrat ma kinitx din sedenti. Huwa sostna li kien ikun infurmat il-hin kollu b'dak li jkun ghaddej. Sussegwentement huwa ta struzzjonijiet lill-Ispettur Ransley sabiex jigbor il-kopja tar-ricevuti li kien hemm esebiti f'dan il-process sabiex jigu

investigati wkoll. Huwa jaf li kien gabarhom u rrizultalhom ukoll li kien hemm numru ta’ ricevuti ohrajn esebiti l-Qorti li kienu gew falsifikati. Regghu baghtu ghas-sur Borg Cardona, li qalilhom li kienu gew moghtija lilu mit-tifla tieghu Juanita Fenech. Ghalhekk ghaddew ghall-arrest ta’ Juanita Fenech li tigi omm l-istess minuri Jean Louis Fenech. Huma nvestigaw lil Juanita Fenech u in segwitu ressqu lil Juanita Fenech il-Qorti u akkuzawha b’reati kriminali fosthom falsifikazzjoni ta’ numru ta’ ricevuti li rrizultaw minn dan il-process. Hargu wkoll akkuzi fil-konfront tat-tifel, iffirmati mill-Ispettur Ransley, fuq il-falsifikazzjoni tar-rapport tal-psikologa esebit f’dawn l-atti.

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenuta Juanita Fenech kinitx ammettiet maghhom dwar xi allegat tbaghbis f’dawn id-dokumenti, qal li le ma saret l-ebda ammissjoni minn naha taghha. Pero’ kien hemm bizzejjed provi biex iressquha l-Qorti. Is-Supretendent zied jghid ukoll li George Borg Cardona ghamel ukoll *complaint* kemm mal-Amministrazzjoni tal-Kummissjoni tal-Gustizzja kif ukoll mal-Police Board dwar l-arrest li huma ghamlu fil-konfront ta’ Juanita Fenech, kif ukoll fil-konfront tal-arrest tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx ta xi direttiva sabiex l-investigazzjoni ordnata minn din il-Qorti kif preseduta titwaqqaf wiegeb li le. Huwa f’ebda hin ma ordna sabiex id-digriet tal-Qorti ma jigix segwit. Huwa kien ordna biss fix-xahar ta’ Jannar lill-Ispettur Ransley sabiex jieqaf ftit mill-investigazzjoni sakemm jaghmel review tal-file.

Is-Supretendent gie mistoqsi in kontro-ezami meta rcevew il-komunikazzjoni minghand il-Kummissarju tat-Tfal u wiegeb li din kienet datata 7 ta’ Jannar 2013 u giet moghtija lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta’ email. Huwa kull ma qallu lill-Ispettur Ransley huwa sabiex ma jibghatx ghall-attur fil-bidu ta’ Jannar peress li fi tlett gimghat antecedenti ma kienx ghadu baghat ghalih u ghalhekk f’dak il-mument ma rax l-urgenza. Huwa fl-ebda hin ma rcieva xi struzzjonijiet mis-superjur tieghu rigwardanti din l-investigazzjoni. Huwa jaf li fis-26 ta’ Jannar 2013 kien hareg artiklu fil-gazzetta Malta Today, liema artiklu gie esebit u mmarkat bhala dokument AG u qal li din ir-risposta kienet giet mibghuta lil Malta Today

minn WPS 101 Roberta Grima ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija, u huwa jaqbel mal-kontenut li hemm f'dan l-artiklu. Huwa qal lill-Ispettur Ransley biex ma jibghatx ghalih ghalissa u dan ghax dehrlu li kellu jirrispondi ghall-e-mail li kien ircieva mill-Kummissarju tat-Tfal.

Huwa stqarr li mill-investigazzjoni li ghamel fuq is-sub alterni tieghu irrizultalu li ma kien hemm xejn li ma kienx mhux skond il-ligi. Hu jiftakar li waqt li kien qed jaghmel l-investigazzjoni u kien arrestat it-tifel Jean Louis Fenech, kien ircieva telefonata minghand l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit fejn kien qallu li huwa kien ma jiflahx u li effettivament qallu li kien cempillu s-sur Borg Cardona u li kien qed jaghmel certu allegazzjonijiet u li kien ser jaghti t-telephone number tas-Supretendent lis-sur Borg Cardona u li kien ser icempillu hu, u filfatt is-sur Borg Cardona cempillu wkoll waqt li t-tifel kien ghadu arrestat. Fil-fatt ix-xhud kien ikkonfermalu li effettivament it-tifel verament kien gie arrestat u li l-Ispettur Ransley irid jaghmel xoghlu u li kien qed jinterrogah. Dakinhar stess, waqt l-arrest tal-istess Jean Louis Fenech, l-attur kien rega' cempillu u staqsieh kemm effettivament kien ser idum jinterrogah u ghal darba'ohra wiegbu li l-Ispettur kien qed jaghmel xoghlu. Fl-istess hin huwa kien qed jitkellem ukoll mal-Ispettur Ransley li qallu li kien qed jaghmel din l-interrogazzjoni. Fil-fatt ix-xhud qal lill-Ispettur li kien ircieva t-telefonata minghand is-sur Borg Cardona u l-Ispettur Ransley qallu li kien jaf, ghax effettivament is-sur Borg Cardona kien ukoll qieghed l-ghassa jistennieh. Is-Supretendent kien qal lill-ispettur Ransley fuq din l-allegazzjoni li kien qed jaghmel is-sur Borg Cardona, li kien qed idum, pero' qallu biex ikompli bl-investigazzjoni kif kien jaghmel normali. Huwa jiftakar ukoll li waqt din l-investigazzjoni kienu talbu wkoll biex it-tifel jigi arrestat fuq okkazjoni ohra u l-Magistrat mhux dak sedenti kien irrifjuta u ma riedx jikkonvalida t-talba.

Is-Supretendent spjega li l-komunika tal-Qorti fil-11 ta' Lulju ma kinitx giet mibghuta lilu ghax kienet giet mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija fid-Depot Generali tal-Pulizija u l-file li rcieva mill-Kummissarju tal-Pulizija kien fiha biss komunika wahda. Mistoqsi f'idejn minn jinsab il-police file

rigwardanti dan il-kaz qal li jinsab ghandu. Mistoqsi ghaliex effettivament ma jinsabx fil-pussess tal-Ispettur Ransley, wiegeb li f'dan il-file hemm il-komunika li rcevew mill-Qorti, sabiex jidhru l-Qorti u jixhdu f'dawn il-proceduri. Fihom hemm ukoll il-complaints li saru kemm lill-Police Board kif ukoll il-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizja u dawn waslu ghandhom dik il-gimgha u jinsabu fil-process sabiex iwiegbu dawn il-proceduri. Huwa ddikjara li kien se jwiegeb lill-Police Board u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u jinfurmahom b'dak li gara f'din is-seduta li xehed fiha x-xhud. Naturalment dawn il-komuniki ma sarux lilu direttament, izda saru lill-Kummissarju, u hu t-tweghgiba tieghu ried jaghtiha lill-Kummissarju.

In kontro-ezami maghmul minn Dr Borg Cardona, is-Supretendent Grech spjega li saru proceduri kriminali fil-konfront ta' Juanita Fenech u ta' Jean Louis Fenech li llum il-gurnata ghadhom sub judice. Sa issa fil-konfront tal-attur ma ttiehdu l-ebda passi. Il-mandat ta' arrest fil-konfront tal-attur inhareg mill-Magistrat Ian Farrugia u fl-ebda hin pero' s-sur George Borg Cardona ma rrifjuta li jigi b'dan il-mandat. Dwar dan l-Ispettur Jonathan Ransley jista' jixhed ahjar. Huwa fl-ebda hin ma gie infurmat li huwa irrezista l-arrest. Il-mandat ta' arrest hareg bhala procedura normali. Huwa jaf zgur li effettivament saru proceduri kriminali fil-konfront ta' Juanita Fenech u Jean Louis Fenech rigwardanti dokumenti mmarkati f'dawn l-atti bhala dokument Q u dokument M, pero' jaf li hemm dokumenti ohrajn u li jkun ahjar li jixhed dwarhom l-Ispettur Ransley. Huwa jaqbel ma' dak li qal l-Assistent Kummissarju Ray Zammit li effettivament l-investigazzjoni qatt ma twaqqfet. Huwa minnu li l-investigazzjoni kienet on going fis-sens li l-ispettur kellu investigazzjonijiet ohrajn ghaddejin fl-istess hin u kien ghalhekk li kien hemm id-dewmien taghha. Fl-ebda hin ma kien hemm miktub *no further action* jew il-file kien *put away*. Huwa sostna li s-sur Borg Cardona beda jaghmel diversi domandi fis-sens ta' kemm ix-xhud kien ser indum bl-investigazzjoni u din mhix procedura li s-soltu issir li missier ta' wiehed arrestat icempillu.

Rat il-konfront li sar bejn is-Supretendent Antonello Grech u l-Ispettur Jonathan Ransley nhar l-4 ta' April 2013. L-Ispettur Ransley gie mgharraf mill-Qorti li fix-xhieda tieghu huwa kien qal li s-Supretendent Antonello Grech kien waqqfu mill-investigazzjoni. Huwa kkonferma bil-gurament li hekk kien. Huwa jiftakar li dak iz-zmien kienu rcevew email minghand il-Kummissarju tal-Pulizija fejn kienu gew infurmati li huwa kien ircieva email minghand il-Kummissarju tat-Tfal u ghalhekk is-Supretendent qallu biex jieqaf milli jinvestiga ghax ried jikjarifika certu aspetti mas-superjuri tieghu.

Is-Supretendent Antonello Grech b'risposta ghal dan qal li dakinhar huwa kien qal lill-Ispettur Ransley biex ma jibghatx ghas-Sur Borg Cardona ghax kellu jinvestiga l-file hu u filfatt kien talbu l-file.

F'dan l-istadju l-Ispettur Jonathan Ransley ikkonferma dak li qal is-Supretendent Grech u ghalhekk fehem li kellu jieqaf mill-investigazzjoni. Pero' mistoqsi mill-Qorti, l-Ispettur Ransley qal li jekk f'xi hin is-Supretendent qattx qallu li l-file ghandu jigi put away jew sabiex ma jittiehdu l-ebda passi ulterjuri qal li le, diskors f'dan is-sens qatt ma kien hemm.

**L-Ispettur Jonathan Ransley** xehed fl-4 ta' April 2013 fejn ikkonferma li wara l-ahhar seduta ta' din il-Qorti kienu ttiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Juanita Fenech u Jean Louis Fenech. Huwa kkonferma wkoll li c-charges fil-konfront taghhom gew mahruga minnu. Huwa jaf li gew ipprezentati charges fil-konfront ta' Juanita Fenech fis-sens li huma akkuzawha li ghamlet falsifikazzjoni ta' atti pubblici u skritturi kummercjali, talli ghamlet uzu minn dawn l-istess dokumenti, li xjentement ghamlet uzu u kitba falza sabiex tikseb vantagg ghaliha u pprezentat dan id-dokument lill-awtorita' pubblika u fl-istess hin bi hsara ta' haddiehor ittentat taghmel qliegh b'dan il-qerq. In oltre akkuzawha wkoll li hija tat xhieda falza fil-Qorti f'kawza civili nhar is-7 ta' Marzu 2012. Huwa esebixxa Dok JF liema charges ghadhom sal-lum sub judice.

L-Ispettur tenna li hemm l-istess akkuzi fil-konfront ta’ Jean Louis Fenech bl-eccezzjoni tal-ahhar akkuza fejn inghad li Juanita Fenech tat xiehda falza f’kawza civili. Mistoqsi mill-Qorti liema huma d-dokumenti li rrizultawlu foloz, huwa wiegeb li huma dawk id-dokumenti mmarkati bhala Dok. D, F, G, H, I, Q u M.

**George Borg** xehed fit-18 ta’ Gunju 2013 fejn iddikjara illi huwa qed jixhed bhala Acting Director tal-ezamijiet. Huwa esebixxa applikazzjoni li kienet saret ghan-nom ta’ Jean Louis Fenech ghas-sessjoni tal-O’Levels f’Mejju 2012 liema applikazzjoni giet immarkata bhala dokument X. Huwa esebixxa wkoll l-hlas relattiv li sar fl-ammont ta’ €32.61 nhar 30 ta’ Novembru 2011 liema hlas sar minn Jean Louis Fenech skond id-dokument X1 esebit minnu seduta stante. Huwa esebixxa wkoll applikazzjoni ohra li l-Qorti mmarkat bhala dokument Y li tirrelata ghas-session Mejju 2012 u maghha esebixxa wkoll ricevuta li hija datata 30 ta’ Novembru 2011 ukoll fl-ammont ta’ €39.61. Din giet mmarkata bhala dokument Y1. Ix-xhud esebixxa applikazzjoni ohra, giet immarkata bhala dokument Z, li saret minn Jean Louis Fenech pero’ peress li saret mill-iskola probabbilment il-hlas sar direttament hemmhekk. Din tapplika ghas-sessjoni Mejju 2011.

Ix-xhud spjega li huma jircievu biss talbiet meta persuna tkun qed tbaghti minn ADHD, id-decizjoni jekk it-tali persuna tkunx ser tinghata xi ghajnuna jew le ma tohrogx mid-dipartiment taghhom. Din tohrog direttament mid-dipartiment tal-Matsec Board. Hemm formoli apposta li jigu ffirmati u jimtlew mill-Matsec Department. Dawn jintlew mill-iskola relattiva u mill-psikologa. Dawn id-dokumenti mill-Matsec imorru ghand l-ADSC u huma jiehdu decizjoni u jekk it-tali persuna li tkun applikat ikollha bzonn it-tali ghajnuna, mbaghad jinfurmaw lid-dipartiment tal-ezamijiet sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega. Huwa ma jidhirlux li qatt kien hemm xi komunikazzjoni minn naha tal-Matsec maghhom ghal tali ghajnuna. Huwa jista’ jghid hekk ghax kien staqsa lill-istaff qabel ma mar biex jixhed. L-applikazzjoni ghal tali ghajnuna issir dakinhar li timtela’ l-applikazzjoni. Huwa ra d-dokument a fol 16 tal-atti u qal li din hija *acknowledgement* biss li saret

applikazzjoni ghall-ezamijiet u ma hemm l-ebda talba ghall-hlas u l-invoice kienet ghadha ma hargitx, kellha tinhareg invoice wara. Din hija acknowledgement biss li tkun saret applikazzjoni. Mistoqsi x'inhi l-figura fuq dan id-dokument ta' €70 qal li ma jistax jaghti spjegazzjoni taghha. Huwa gie moghti din il-kariga dawn l-ahhar xahrejn. Ghalhekk iddikjara li l-persuna odjerna sabiex tixhed fuq dan id-dokument huwa Chris Darmanin.

**Sandro Bruno** xehed fit-3 ta' Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub jixhed dwar l-extra curriculum activities tat-tifel Jean Louis Fenech bejn il-perjodu 1 ta' Ottubru 2010 u 30 ta' Gunju 2012. Huwa jokkupa l-kariga ta' financial controller tal-iskola St Edward's College, u spjega li huma ma jzommux records. Effettivament dawn l-attivitajiet ma jkollhomx x'jaqsmu mal-iskola. Dawn jaqghu taht il-kompetenza tal-ghalliem li tkun responsabbli ghal dik il-harga partikolari. L-ghalliem koncernat fil-konfront ta' Jean Louis Fenech kien Mr Gregory Sammut. Fl-affarijiet akkademici bhalma hija t-trip lejn Sqallija, huwa ma ghandu x'jaqsam xejn, dan ghandu x'jaqsam il-headmaster. Huwa bhala *burser* ma ghandu x'jaqsam xejn. L-istess in konnessjoni mal-affarijiet li saru bl-arti. Ghal dawn, tkun responsabbli l-ghalliema tal-arti tramite l-headmaster. Responsabbli tkun it-teacher tal-arti. Rigwardanti r-rigali tal-Milied ghall-ghalliema, il-persuni responsabbli jkunu l-ommijiet tat-tfal li jkunu fl-istess klassi. L-iskola ma jkollhiex x'taqsam maghhom dawn.

Ix-xhud spjega li l-persuna responsabbli biex tigbor il-flus ghal *school trip* tkun dik l-istess ghalliema partikulari u l-ghalliema jew il-*head of section* tigi ghandhom bis-somma lesta. L-*outing* issir taht il-kappa tal-iskola. Ix-xhud ma jiftakarx li sar trip ghal Sqallija fi Frar 2011. Huwa spjega li ghandu jmorru biss jekk minn xi attivitajiet ikun hemm xi flus zejda. Normalment l-iskola titlef flus minnhom. Gregory Sammut kien responsabbli tal-extra curiculum activities tal-year 10 u year 11 u jekk mhux sejjer zball dan l-istudent Jean Louis Fenech kien f'dawk il-klassijiet.

**Carmen Bezzina** xehdet fit-3 ta' Lulju 2013 fejn iddikjarat li hija tahdem gewwa l-Matsec Support Unit, University of

Malta, Msida. Hija qalet li fl-2011 Jean Louis Fenech kien applika ghal numru ta’ ezamijiet kif jidher mid-dokument li pprezentat u gie mmarkat bhala dokument MF. Mitluba mill-Qorti tghid kemm effettivament hallas biex jaghmel dawn l-ezamijiet wiegbet li dan ma jirrizultax mid-dipartiment taghhom izda mill-Education Department. Fl-2012 Jean Louis Fenech applika wkoll ghal numru ohrajn ta’ ezamijiet ta’ O’Levels u esebiet ukoll kopja ta’ din l-applikazzjoni li giet immarkata bhala dokument MF1.

Mistoqsija tispjega x’inhi l-procedura sabiex xi hadd ikollu l-assistenza waqt l-ezami peress li jbaghti minn xi bzonn specjali bhal dyslexia jew ADHD qalet li di solito issir applikazzjoni mill-iskola tal-istudent u anness ma’ din l-applikazzjoni jkun hemm rapport ta’ psikologa. Din l-applikazzjoni hija separata u ssir fl-istess hin li ssir l-applikazzjoni ghal O’Level. Sussegwentement din l-applikazzjoni tigi ezaminata mill-Access Disability Support Committee. Sussegwentement id-decizjoni ta’ dan il-board tintbaghat b’ittra lill-applikant. Mistoqsija jekk fir-rigward ta’ dan it-tifel kienx hemm din il-procedura qalet li le ma kienx hemm. Mistoqsija jekk persuna thallasx ghal din il-procedura jew l-ghajnuna qalet li le ghax hija b’xejn mill-gvern.

**PL Juanita Fenech** xehdet fit-3 ta’ Lulju 2013 fejn ikkonfermat li hija kienet ipprezentat l-ammissjoni taghha ghat-talbiet tal-attrici. Hija taqbel li missierha George Borg Cardona kien ihallas l-affarijiet u taf li kien hallas is-somma mitluba fir-rikors promotur ta’ €5,275. Huwa minnu li hija tigi omm Jean Louis Fenech u li effettivament it-tifel ghandu bzonn xi ghajnuna ghax ghandu  xi special needs, ghalkemm dawn huma limitati hafna. Huwa minnu li fis-sena 2011 - 2012 it-tifel kien applika biex jaghmel xi O’Levels. Mistoqsija jekk kinitx talbet ghal xi assistenza ghat-tifel biex jaghmel dawn l-ezamijiet qalet li ma tiftakarx. Fil-fatt kien it-tifel stess li mar japplika ghall-ezamijiet, kien mar wahdu ma’ shabu. Hija ma tiftakarx x’ghamel it-tifel biss taf li kienu kellmuh fuq l-iskola. Kienet l-iskola li tiehu hsieb u mhux hi.

Mistoqsija jekk qattx ghaddiet xi rapport ta' psycologist l-iskola wiegbet li jista' jkun pero' ma tiftakarx lanqas. Mistoqsija jekk hija tbaghtix bil-bard qalet li ma tafx pero' tahseb li aktar bard milli shana. Hija stqarret li ma tahsibx li huwa normali li thoss il-bard fix-xahar ta' Awissu. Id-dar fejn tghix ghandhom erba' air conditioners u bhalissa tuzahom kuljum u naturalment biex tkessah id-dar. Hija ma tafx li hemm claim ghac-cilindru tal-gas, ghal fire place ghax-xhur ta' Awissu sa Novembru. Hija taf li kien hemm cilindri tal-gas pero' zgur li ma wzathomx f'Awwissu. Meta ma tkunx id-dar l-air conditioners u d-dwal ma jkunux mixghula. Il-kont tad-dawl u l-ilma ma jigix ghandha, izda jmur dirett ghand ir-ragel. Ma jidhriliex li hija qatt talbet lill-ARMS biex jaghtuha xi spjegazzjoni jew breakdown tal-kontijiet. Ma jidhriliex li qatt baghtu ghaliha lanqas. Meta jmur il-meter reader, gieli tifthilhom u gieli ma tifthilhomx, jekk ma tkunx hemm ma tifthilhomx. Darba minhom taf li marret persuna bla tag biex ibiddel il-meter u ma hallietux ibiddel il-meter ghax ma kellux identifikazzjoni, imbaghad kellu jerga' jmur u ma marx.

Hija qalet li tilbes size 10 jew 12 bhala hwejjeg. Mistoqsija jekk qattx xtrat xi gakketta drummer boy qalet li lanqas taf x'inhi. Hija spjegat li sal-ahhar ta' Novembru 2011, Mario Fenech kien ghadu l-habs, fil-fatt kien ghamel xi 22 gurnata l-habs. Mit-28 ta' Awwissu 2011 zewgha mar jorqod fid-dar ta' ommu li hija vojta flimkien mal-partner il-gdida tieghu. Mit-28 ta' Awissu 2011 l'hawn Mario Fenech waqaf ihallas kollox, kienu jmorru ghand missierha, peress li kienu ghamlu proceduri fil-konfront tieghu ghas-separazzjoni. Hu kien qalilha li flusu kien ser jonfoqhom fuq il-habiba tieghu. Hija sostniet li ma tafx li nbidlet il-ligi u kien ghalhekk li ma accetatx l-ingunzjonijiet.

**Chris Darmanin** xehed fid-9 ta' Lulju 2013 fejn ididkjara li huwa in charge tas-sezzjoni tal-O'Levels fid-Dipartment tal-Edukazzjoni. Mid-database taghhom jirrizulta li Jean Louis Fenech kien applika f'Mejju 2011 ghal hames suggetti 'O' Levels standard fosthom Malti, Religjon, Ingliz, Maths u Business Studies. F'Mejju 2012 applika ghal zewg 'O' Levels ohra Ingliz u Business Studies. Filwaqt li applika at A Level standard ghall-Arti. Ix-xhud

kellu zewg ircevuti cioe' li thallsu l-ezamijiet ta' Mejju 2012 fl-ammont ta' €39.61c li huma, dawk iz-zewg suggetti li tkellem dwarhom at O'Level Standard u l-iehor ta' €32.61c ghal A Level tal-Arti. Dawn iz-zewg ircevuti gew immarkati bhala dokument AD u AD1.

Huwa spjega li dwar dik l-applikazzjoni li saret ghal Mejju 2011 ghalkemm ma ghandhomx ircevuta, id-database turi li dawn huma mhallsa ghall-ammont ta' €109.51c, jista' jkun li ma ghandhomx ricevuta ghaliex il-hlas setgha sar on line jew il-bank. Meta japplika student huma ma jibghatu l-ebda acknowledgement tal-applikazzjoni, jiprocessawhom fid-database u tohrog invoice, tintbaghat id-dar u din l-invoice jew tithallas il-bank jew imorru jhallsu d-dipartiment.

Huwa gie muri dokument a fol 16 tal-atti u qal li din hija acknowledgement li tali persuna tkun hadet l-application l-ufficcju pero' sa dak il-hin ma tkunx ghadha giet processata. Mistoqsi xi tfisser is €70 fuq din il-karta qal li din ma tkunx giet miktuba mid-dipartiment. Din l-acknowledgement li tinhareg ma jithallas l-ebda flus. Ikun hemm skrivana mal-counter, tithalla l-application, taghtiha bhala serial number sabiex ikollha referenza pero' ma jsir l-ebda hlas. Il-hlas isir meta jintbaghat l-invoice d-dar. Huwa in charge ukoll tas-section ta' special arrangements. Huwa ccekja ma' Carmen Bezzina li hija in charge minn naha tal-Matsec Office u flimkien ikkonfermaw li ma kien hemm l-ebda talba ghall-assistenza li kellha tinghata lil Jean Louis Fenech. Pero' spjega li dwar *special arrangements* l-applikazzjoni ssir fil-Matsec Office.

**L-attur George Borg Cardona** xehed fit-30 ta' Settembru 2013 fejn ikkonferma li huwa kien qed jiehu hsieb l-edukazzjoni tat-tifel peress li fil-fehma tieghu missieru kien abbandunah. Huwa jaf li l-konvenut ghandu ordni biex ma javvicinax lit-tifel pero' mhux biex ma jhallasx il-pendenzi tat-tifel. Huwa jaf li f'dak iz-zmien fejn kienet qieghda ssir it-talba, il-konvenut ma kellux ordni biex ma jersaqx fejn ibnu. Meta l-attur qal li ha t-tmexxija tat-tifel f'idejh dan hu fis-sens illi kien ihallaslu l-kotba tal-iskola hu peress li

missieru ma kienx ihallashomlu. Huwa tenna li hija naturali li huwa ghandu l-interess fit-tifel ta’ bintu. Huwa ddikjara li bintu meta marret lura ghandu ma’ binha la kellha *income* u lanqas kellha flus il-bank. Pero’ huma baqghu jghixu fid-dar matrimonjali u kien jghinhom huwa finanzjarjament. L-attur tenna li huwa ma jafx li t-tifla tieghu ghandha l-ID Card registrat fuq l-indirizz tieghu. Sa fejn jaf hu dan huwa registrat fuq id-dar fejn kienet tghix ma’ zewgha, tant hu hekk li l-vot tal-elezzjoni mar ghandha u mhux ghand l-attur. Huwa stqarr li kien ikun jaf dak biss li kien jghidlu t-tifel meta kien imur jitolbu jghamillu xi hlasijiet.

L-attur tenna li huwa qatt ma kellem lill-Kummissarju tat-Tfal fuq il-problema tat-tifel li ghandu l-ADHD. Ghall-attur it-tifel huwa impulsiv, jaljina ruhu u mhux responsabbli, sintomi kollha tal-ADHD. Huwa ma jafx jekk din hix akuta jew medja, pero’ jaf li ghandu din il-kundizzjoni. Huwa jaf li dawk in-nies li kienu jinvistaw lit-tifel kienu talbu biex it-tifel imur ghandhom wahdu. Kienet omm it-tifel li waslitu ghand il-psikologa bil-flus li kien tah l-attur stess biex ihallas, huwa ma kienx prezenti. L-attur spjega li qabel ma t-tifel mar japplika ghall-ezamijiet tal-O’levels, kien gie mitlub skond ma’ qallu t-tifel stess li kellu jiehu rapport minghand il-psikologa u dan bil-ghan li jinghata *learning assistant* waqt l-ezamijiet u l-attur tah il-flus biex jiehu dan ir-rapport. Mistoqsi jekk kienx qal lill-omm it-tifel li kien ta mitejn ewro lit-tifel wiegeb li ma jafx. Huwa kemm-il darba kellem lit-tifla fuq l-edukazzjoni tat-tifel u sahansitra kienet saret talba ghall-privatijiet tat-tifel u missier it-tifel injoraha u spicca jhallashom l-attur. Dan minkejja li l-konvenut kellu ordni mill-Qorti biex ihallas il-kontijiet. L-attur ma jafx li tal-privatijiet qatt tawh xi ricevuti. Huwa jaf li t-tifel mar privat tal-matematika u kien hallas ghalihom huwa stess. Huwa jaf li kien hemm kambju ta’ emails bejn l-avukati ta’ Mario Fenech kif ukoll tal-attur rigwardanti l-privatijiet, ta’ fejn kienu ser ikunu u kemm ser jiswew, pero’ dawn l-emails gew injorati mill-konvenut. Filfatt anke l-attur stess baghat email lill-avukat ta’ Mario Fenech u cioe’ Dr Schembri Orland u kopja taghha jista’ jesebiha wkoll.

L-attur spjega li meta sar jaf li r-rapport li kien ser jiehu l-iskola kien gie mbghabas, huwa kien baghat ghat-tifel u talbu spjegazzjoni. Wara li kkompara l-kaligrafija, t-tifel kien ammetta mieghu li kien hu li baghbasha u ghalhekk huwa ma kienx jaf li kien hemm xi tbaghbis sakemm inqala' dan l-incident il-Qorti. L-attur jinsab cert li d-dokumentazzjoni koncernanti f'dan ir-rapport gew moghtija lilu mit-tifel stess. Mistoqsi min tah ricevuti li huwa esebixxa u cioe' jekk kinitx it-tifla jew it-tifel, wiegeb li jista' jkun li whud minnhom gew moghtija lilu mit-tifel direttament u ohrajn minn bintu Juanita. Huwa ddikjara li ta lit-tifel penitenza misthoqqa u kellu jirrifondilu l-flus li kien tah u naqqashomlu mill-*pocket money* li kien jaghtih hu sakemm kien hallashom kollha.

L-attur sostna li huwa lest li jipprezenta d-*diary* jew estratt minnu dwar il-pagamenti li ta lit-tifla. Huwa ddikjara li sakemm it-tifla tieghu nghatat digriet mill-Qorti biex ir-ragel taghha jmantniha, ma kellhiex sold u kellu jhallas kollox hu f'dak il-perjodu. L-attur tenna li kull sold li qed jitlob, filfatt kien hallsu. Dwar l-ircevuta ta' dentist spjega li din l-ircevuta giet moghtija lilu minn omm it-tifel u jekk kien hemm xi haga dubjuza zgur li ma kienx tort tieghu ghax hu mexa skond l-ircevuti li tawh. Huwa jaf zgur li marret ghand id-dentist, taha servizz u hallset ghalih. L-attur qal illi fil-mori ta' din il-pendenza, id-dentist kien baghat ittra lit-tifla u qalilha biex jiltaqghu ghaliex kien ikun ahjar ghalihom it-tnejn. Pero' huwa qal lit-tifla biex ma tiltaqa' mieghu xejn. Ghax-xhud id-dokumenti li esebixxa kienu genwini u esebixxa dawk li kienu gew moghtija lilu. L-attur jippretendi li jigi mhallas ukoll ghal dawk il-hlasijiet li kien ghamel hu fejn m'ghandux ricevuta.

**Gregory Sammut** xehed fit-30 ta' Settembru 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala psikologu u jahdem mal-Gvern. Huwa stqarr illi ma jaghmel l-ebda xoghol ma' St. Edwards u qatt ma ghamel xi xoghol hemmhekk.

**Il-konvenut Mario Fenech** xehed fit-30 ta' Settembru 2013 fejn esebixxa affidavit tieghu. Flimkien ma' dan l-affidavit hemm ukoll nota u ghadda kopja tal-istess lill-kontroparti. Il-konvenut iddikjara li huwa ma jaqbilx ma'

dak li qal l-attur, fis-sens li huwa abbanduna lill-ibnu, pero' huwa kien gie mkecci minn daru bi frame-up. Meta' gie mkecci minn go daru u gie ordnat biex ma jikkomunikax mat-tifel, ma ghamilx hlasijiet lit-tifel. Huwa ddikjara li l-mara li kellu serqitlu vicin il-hamsin elf ewro. Huwa llum ihallas il-manteniment kif ordnat mill-Qorti u cioe' jhallas sitt mitt ewro kull erba' gimghat. Il-konvenut iddikjara li huwa gie mkecci mid-dar b'effett mill-11 ta' Ottubru 2010 u minn dakinhar 'l hawn ma regax dahal fid-dar.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Mario Fenech** li gie pprezentat fit-30 ta' Settembru 2013 fejn iddikjara li huwa ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu Juanita Fenech. Din il-kawza giet ipprezentata minn missierha u ommha stess, originarjament ghall-ammont ta' €5,275 ghall-allegati fondi illi l-attur missierha ghadda lil Juanita Fenech sabiex tmantni ruhha u lit-tifel Jean Louis.

Huwa ddikjara li waqt is-seduti huwa kkonstata gideb sfaccjat u dikjarazzjonijiet foloz da parti ta' Juanita Fenech u missierha George Borg Cardona, li minkejja xehdu taht gurament, taw xhieda falza.

Il-konvenut tenna li huwa dejjem hallas il-manteniment dovut ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar hekk kif ordnat mill-Qorti tal-Familja pendente lite. Huwa kien qabel li jhallas il-parti tieghu ghal spejjez tal-edukazzjoni u dawk medici ghat-tifel Jean Louis b'kundizzjoni illi jigu prodotti u mghoddija lilu l-ircevuti relattivi. Huwa meta kien ghadu jghix go daru kien jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha hu. Il-konvenut hallas ghall-manteniment kif ordnat mill-Qorti tal-Familja bl-intendiment li l-ispejjez edukattivi u medici tat-tifel jithallsu nofs bin-nofs u qatt ma naqas milli jhallas il-manteniment (li jinkludi dak li possibilment tista' tirreklama hija jew missierha) u mhux kif qed tallega Juanita Fenech illi naqas li jaghti l-manteniment dovut ghal ben seba' xhur. Filfatt bhalissa Juanita Fenech ghaddejja proceduri legali quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli b'akkuzi ta' rapporti foloz u zewg kwereli dwar allegat nuqqas ta' hlas ta' manteniment da parti tieghu, izda diga gew prodotti l-provi da parti tieghu bic-cheque images kollha.

Il-konvenut stqarr li l-kawza odjerna bdiet wara li Juanita Fenech ipprezentat kawza ghal separazzjoni kontra tieghu. Hija kienet iddikjaratlu li wara li f'Marzu tal-2010 sabitlu ricevuta li kien ghamel testment, f'dikjarazzjoni verbali qaltlu "stennew sa l-ahhar t'Awwissu, ha tara!" ghax kellha informazzjoni li huh Alex u l-familja tieghu kellhom isiefru u sussegwentement, meta wasal l-ahhar ta' Awwissu sabitu wahdu, qaltlu "qbizna fuqek" u bdew b'ruxxmata ta' rapporti foloz.

Il-konvenut sostna li wara li sema' lil George Borg Cardona jitkellem fl-awla u qara d-dikjarazzjoni tieghu sab li hi mimlija b'hafna gideb u inezattezzi. Fl-ewwel paragrafu, l-attur tenna li huwa ttraskura lit-tifel meta ma huwa veru xejn. Huwa jghid li huwa b'ingann, *frame up* u malizija gie mkecci minn go daru stess fuq rapport falz iehor mill-ex mara tieghu Juanita Fenech. Dan gara fl-10 ta' Ottubru 2010 fl-10.30pm meta din marret taghtih daqqa ta' sieq go daru waqt li huwa kien gewwa l-*ispare toilet*. Huwa resaq il-quddiem u sieqha giet fl-ajru u b'hekk qalghet il-*finisher* tal-*parquet* u waqghet ghal dahra u l-brazzuletta hoxna tar-ram, li kienet liebsa, wegghetilha jdejha.

Ghal dan huwa ilu tliet snin imkecci minn go daru minghajr ma jista' jkellem lit-tifel u kull gimgha huwa jirrapporta l-ghassa, apparti s-sbatax-il jum li nzamm taht arrest preventiv intortament minhabba r-rapport falz ta' Juanita Fenech.

Il-konvenut spjega li dwar l-ammont ta' flus ta' mitejn ewro (€200) li George Borg Cardona qal li ta lit-tifel, Juanita Fenech fl-affidavit taghha ddikjarat li kienet hi li kienet qed titlob il-flus lill-missierha u hu kien jghaddihom lilha. Hawnhekk l-attur jew bintu gidbu taht gurament. Huwa cert li fin-nota tal-attur datata 21/11/12 gideb u dahhal lil Jean Louis Fenech fl-inkwiet mal-Pulizija fejn gie mressaq quddiem il-Magistrat Micallef Trigona bi frodi, li jew ma ghamlux hu jew gie mgieghel jaghmlu minn xi hadd li kellu nteress izid l-ammont tat-talba f'din il-kawza. Mhux hekk biss, l-attur u Juanita Fenech qeghdin jiddikjaraw f'awli

ohra illi t-tifel gie mressaq minhabba fih il-konvenut meta l-verita' hija li l-proceduri nbdew wara d-dikjarazzjoni ta' nannuh George Borg Cardona, datata 21 ta' Novembru 2012. Il-konvenut sostna li t-tifel ghandu l-habs imdendel fuq rasu.

Fis-7 ta' Awissu 2010 l-omm kienet poggiet sikkina tal-hobs ma' dahar it-tifel fuq argument zghir. Il-konvenut jghid li llum dan it-tifel qieghed taht il-kontroll komplet ta' l-atturi u ta' Juanita Fenech kif qed jigi manipulat. Huwa jaf li Juanita Fenech ghandha passat kriminali fejn fl-1992 kienet wehlet *suspended sentence* ta' tliet snin habs wara ammissjoni ta' serq ta' *cheque* tal-paga ta' kollega taghha fl-Air Malta, li mbaghad hija ggirat u sarrfet.

Il-konvenut tenna li bhalissa Juanita Fenech ghandha numru ta' akkuzi kriminali fil-konfront taghha nkluz frodi fuq 595 cekkijiet (kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat Edwina Grima), dikjarazzjoni falza in konnessjoni ma' polza ta' assikurazzjoni ta' vettura (kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat Antonio Mizzi) u anke f'dan l-istess kaz hemm numru sostanzjali ta' dokumenti u ricevuti mbghabsa u ffabrikati. Il-konvenut kompla jghid li fis-6 ta' Ottubru 2010 Juanita Fenech pruvat taghmel suwicidju, li rrapportat dakinhar ohta stess Katrina Borg Cardona, izda mbaghad gie mdawwar da parti ta' Juanita Fenech u l-familjari taghha f'zewg rapporti kontra tieghu. F'dawn ir-rapporti allegaw falzament illi waqt li kien ix-xoghol, dahal id-dar u ta daqqa lil Juanita Fenech u kkagunalha *concussion*. Dawn li semma huma biss parti mis-sensiela twila ta' rapporti foloz illi ghamlet Juanita Fenech u li issa qed tghaddi proceduri kriminali fuqhom.

L-istess Juanita Fenech, wara li giet misjuba hatja u nghatat sentenza sospiza, b'xi mod inghatat *warrant* ta' PL kif ukoll inghatat post u hadmet gewwa dawn il-qrati. Suppost li tghallmet li m'ghandhiex tikser il-ligi. Ta' min jiccara li bniedem b'*suspended sentence* la jgib *warrant* u wisq anqas jahdem gewwa l-Qrati.

Il-konvenut sostna li t-tifel tieghu Jean Louis Fenech u hu spiccaw vittmi. Ghalkemm l-attur iddikjara li kien qed jiehu

hsieb l-iskola tan-neputi u fakkru fl-ezamijiet tal-Matsec u l-GCSE, l-opinjoni tal-konvenut huwa li ma tantx ha hsiebu lit-tifel. Huwa sostna li wara li nefaq hafna flus f'edukazzjoni tat-tifel ghal hames snin shah gewwa l-kullegg ta' St. Edwards, kif ukoll *equal partners* ghal numru ta' snin, dan gab biss zewg 'O' levels, u dan bi grad ta' pass marks. Il-konvenut tenna li daqstant segwieh u indukrah – billi fakkru biss, nonostante li ddikjara li ha l-edukazzjoni tat-tifel taht ir-responsabbilta' tieghu. Tul dan iz-zmien huwa ma tantx seta' jkellem jew javvicina lit-tifel ghax gie ddikjarat bhala xhud ewlieni mill-avukat ta' Juanita Fenech, liema sitwazzjoni ghadha hekk sa llum stess – fejn kienet ommu u x'kienet qed taghmel?

Rigward it-test tal-ADHD, il-konvenut spjega li dan sar xi zmien ilu lejn Marzu tal-2009 u hallas ghalih huwa stess kif jirrizulta matul dan il-kaz. Ghalhekk jirrizulta illi kemm George Borg Cardona u kif ukoll bintu Juanita qeghdin jigdbu taht gurament. Filfatt l-ufficjal tal-edukazzjoni kkonferma li lanqas biss ipprezentawh dan ic-certifikat/rapport mal-applikazzjoni tal-ezamijiet, li falsament qed jghidu li hadu u dan ghax mhux veru regghu marru ghand Ruth Falzon kif ikkonfermat hija stess fix-xhieda taghha.

Il-konvenut iddikjara li George Borg Cardona qed jabbuza lit-tifel u din hija tal-misthija li nannu jhammeg lit-tifel meta huwa fid-dmir li jipprotegih. Din hija gidba ohra u gravi ghax qed jabbuza minn tifel li hu stess iddikjara li jbaghti minn ADHD.

Il-konvenut tenna li George Borg Cardona minghalih li qed jimpressjona meta jsemmi lill-Kummissarju ghax fil-kawza m'ghandu x'jaqsam xejn hlief ghad-dewmien sabiex jinbdew l-investigazzjonijiet dwar ir-rapport imbghabas u l-ircevuta fabbrikata. Dan jikkonferma li huwa qrib certu ufficjali tal-pulizija. George Borg Cardona messu rrispetta lill-bniedem li dam seba' u ghoxrin sena jbaghti minn vjolenza domestika meta hu stess jikkonferma li l-konvenut kien izomm lit-tifel u lil Juanita Fenech tajjeb u "fil-lussu" u mhux ippartecipa fi *frame up* krudili u malizzjuz.

Dwar il-kotba tat-tifel, il-konvenut kien gie nfurmat bihom mill-Agenda Bookshop, huwa dejjem gabarhom u hallas ghalihom u sa bghathom lit-tifel, St. Edwards College. Huwa ghamel referenza ghall-onesta' u integrita' li jsemmi George Borg Cardona. Fil-bidu taz-zwieg kien mar go daru li hi proprjeta' tal-konvenut u heddu li jekk ma jkunx il-purcinell ta' bintu kellu bizzejjed irgiel sabiex jghinuh iwaqqalu d-dar gebla, gebla. Dan il-punt inqala' fil-bidu meta Juanita ma riditux juza l-*main bathroom* gewwa daru ghax riditha ghaliha u riditu juza l-*ispare toilet* biss.

Fil-*claim* tieghu, l-attur qed jitlob ukoll ghal spejjez tat-tankijiet tal-gass sabiex allegatament issahnet id-dar matul ix-xhud sajfin. Meta mistoqsija fuq il-pedana, Juanita Fenech iddikjarat illi ma tuzax il-*fireplace* fix-xhur sajfin izda tuza l-*airconditioners* sabiex tkessah id-dar. Huwa cert li qatt ma xtrat tank wiehed u uzat il-*heaters full blast* 24/7. Meta nbdiet din il-kawza u gie pprezentat l-affidavit ta' George Borg Cardona, il-konvenut kien gibed l-attenzjoni ta' Dr Aron Mifsud Bonnici dwar il-fatt li kien hemm l-ingann f'din il-kawza, imma hu baqa' ghaddej u ma riedx janalizza l-fatti u d-dokumenti li kien huwa stess ikkonferma bhala "vera kopja ta' l-original" sakemm imbaghad kien tard wisq. Il-konvenut fakkar lil din l-Onorabbli Qorti xi plejtu ghamel l-avukat Mifsud Bonnici meta kien ghadu qed jippatrocina lill-atturi u sa appella lil Dr Lorraine Schembri Orland sabiex ikollha fiducja fih. Din l-avukata tal-konvenut, illum Imhallef, fuq direzzjoni tal-konvenut qaltlu li ma kelliex fiducja fih u talbitu jipproduci dokumenti originali.

Il-konvenut issottolinea li Dr Aron Mifsud Bonnici, ghalkemm irrinunzja ghal patrocinju tal-klijent tieghu George Borg Cardona, li jigi wkoll missier il-mara tieghu, dan xorta kien iffirma u kkonferma dokumenti li wara nstabu li kienu mbghabsa u ffalsifikati. Bniedem onest u integru kif jiddikjara li hu George Borg Cardona, ma jaghmilx atti li ghamel hu kemm fil-konfront tal-konvenut u tan-neputi tieghu, li biex jghatti lil bintu waddab hmieg fuq persuna vulnerabbli u nnocenti.

Il-konvenut ihoss li wara dawn id-dokumenti mbaghbsa u anke *claims* li huma foloz u minghajr ricevuti, George Borg Cardona m'ghandu jigi kkumpensat xejn u barra minn hekk ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra kull min ipprezenta jew ikkonferma dawn id-dokumenti.

**Gregory Sammut** xehed fit-13 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala ghalliem gewwa St. Edward's College, il-Birgu. Huwa spjega li Jean Louis Fenech telaq mill-iskola fl-ahhar tas-sena skolastika tas-sena 2011 u ghalhekk huwa jinsab f'pozizzjoni li jirrispondi ghat-tahrika li saritlu biss bejn il-perjodu tal-1 ta' Ottubru 2010 sal-ahhar ta' Novembru 2011. Ix-xhud irrizultalu li fil-11 ta' Mejju 2010, Jean Louis Fenech kien mar live in u kien hallas sittin ewro. Filfatt kien hallas disghin ewro u kienu gew mitluba sabiex jirrifondu tletin ewro minnhom, liema somma flus kienet giet moghtija lilu bhala spending money. Dan il-pagament kien sar b'cekk u ma jafx min effettivament kien hallas ghal dan ic-cekk.

Ix-xhud jaf li fis-16 ta' April 2010, it-tifel kien mar Sqallija mal-iskola u kien hallas hamsin ewro. Huwa ma jafx min effettivament kien hallas din il-hamsin ewro ghax ma kienx hu responsabbli minn din l-attivita'. Jekk saru xi outings tal-iskola kienu jiswew zewg ewro u hamsin centezmu ghat-trasport u ghall-festin tal-Milied kien hallas hames ewro. Huwa jaf li kien hemm rikjesta ghal rigali tal-Milied ghall-ghalliema pero' dwar dan huwa ma seta' jghid xejn. Ix-xhud tenna li huwa kien responsabbli ghall-*extra curriculum outings* u dawk li jirrigwardaw il-live in. Huwa stqarr li m'huwiex *art teacher* u ghalhekk ma jaf xejn jekk saru xi *art outings*.

Ix-xhud ghamel referenza ghal rikjesta dwar il-pantomini li saru l-iskola u qal li dawn ma kienx ikun hemm hlas ghalihom. Huwa ddikjara li bhala norma ghall-istudenti tal-hames sena jkun hemm harga wahda u jkun hemm live in wahda qabel il-Milied. Pero' fis-sena li Jean Louis Fenech kien fil-Form 5, huwa ma attendhiex ghal-live in. Minn Jannar 'il quddiem ma jkun hemm l-ebda attivita' ohra hlief xi *educational outing* relatata mas-suggett li jkun qed jistudja.

Mistoqsi jekk kienx hemm *school diary* wiegeb li iva hafna minn dawn l-avvenimenti jkunu pjanati fil-bidu tas-sena. Huwa stqarr li kien mar Sqallija bhala helper mal-ghalliema. Din is-safra kienet organizzata mill-ghalliema tat-Taljan ta' dak iz-zmien u din saret fis-16 ta' April 2010. Huwa stqarr illi jista' jkun li saret gita ohra fis-sena indikata lilu fit-tahrika pero' dwar dan huwa ma jaf xejn. Filfatt qal li kien impossibli li Jean Louis Fenech mar dak it-trip l-iehor ghax effettivament kien organizzat ghat-tfal li jinsabu fi klassi sentejn izghar minnu. Huwa ddikjara li normalment huma jaghtu opportunitajiet lill-istudenti kollha u min ikun mar ma jergax imur.

Ix-xhud gie mistoqsi in kontro-ezami min kien l-ghalliem inkarigat ghal din il-gita u wiegeb li fl-2011 jimmagina li kien l-ghalliem tat-taljan certu Mario Borg li llum huwa rtirat. Huwa stqarr li l-pagamenti tat-trips li jigu organizzati ma jsirux kollha lilu anzi jsiru lill-iskola u ghalhekk jekk ikun hemm hlas permezz ta' cekk dan ikun intestat lil St. Edward's College. Ix-xhud tenna li ftit huma l-hlasijiet li jsiru permezz ta' cekk ghax huma jheggu lill-istudenti biex ihallsu cash. Huwa spjega li anke fis-snin antecedenti Jean Louis Fenech dejjem hallas permezz ta' cekk. Ix-xhud iddikjara li huwa ma jkunx involut fl-*outings* li setghu gew organizzati minn ghalliema ohrajn u naturalment kull hlas isir qabel ma jsiru l-outings koncernati. Meta jkun hemm Christmas concert organizzat huwa spjega li ma jkunx hemm kwistjoni ta' flus ghax din tkun organizzata mill-iskola. Dwar il-kostumi relatati ma' dawn il-pantomini jew kuncerti l-iskola jkollha d-drappijiet u l-props taghha u l-istudenti juzghu lilhom.

**Mario Fenech** xehed in kontro-ezami fit-13 ta' Novembru 2013 fejn saritlu referenza ghall-affidavit li huwa prezenta fis-seduta precedenti mmarkat bhala dokument AMF. Mistoqsi jekk effettivament il-procedura tas-separazzjoni bejnu u bejn il-mara kienux bdew f'Awwissu 2010, wiegeb li iva, hekk hu. Huwa jaqbel ukoll li d-digriet tal-manteniment tal-qorti hareg f'April 2011. Il-konvenut tenna li sal-10 ta' Ottubru 2010 huwa kien ghadu qed jirresjedi d-dar, ghalkemm kienu diga' bdew bil-proceduri ghas-

separazzjoni. Sal-10 ta’ Ottubru 2010 sakemm huwa kien id-dar, baqa’ jhallas kollox hu izda una volta huwa gie mkecci mid-dar ma baqax ihallas. Huwa kkonferma li bejn l-10 ta’ Ottubru 2010 u April 2011 huwa ma ghamel l-ebda hlas. Meta huwa ried ifisser li dejjem hallas il-manteniment dovut, huwa ried jghid li huwa dejjem irrispetta d-digriet tal-qorti. Huwa kkonferma li l-pagamenti tal-maneteniment dejjem saru b’mod puntwali. Dan billi kienet saret kawza wahda fil-konfront tieghu quddiem il-qorti tal-Magistrati u kien hareg liberat.

Il-konvenut iddikjara li l-pagament ta’ manteniment jithallas billi huwa jhallas lill-avukat tieghu, l-avukat tieghu jghaddihom lill-avukat taghha u sussegwentement l-avukat taghha jghaddihom lilha. Qal li kemm-il darba talabha sabiex jiftah kont sabiex ihallas direttament fil-kont taghha pero’ hija rrifjutat. Huwa jinsisti li l-pagamenti dejjem ghamilhom b’mod puntwali. Huwa obbliga ruhu li jesebixxi kopja tas-sentenza li nghatat mill-Magistrat Saviour Demicoli b’referenza ghal din il-kwistjoni u jekk ma hemmx sentenza jobbliga ruhu li jesebixxi kopja tal-verbal relattiv.

Huwa tenna li l-ispejjez tal-iskola tat-tifel dejjem hallashom salv l-ahhar wiehed fejn huwa kien taht l-intendiment li effettivament l-ahhar kont kellu jithallas bin-nofs minnu u nofs mill-mara. Pero’ sussegwentement il-Qorti kienet bidlet id-digriet taghha u kellu jhallsu kollu hu u ghalhekk hallsu pero’ b’mod tardiv. Huwa ddikjara li effettivament il-pagamenti dejjem ghamilhom fil-hin. Mistoqsi jekk effettivament irceviex l-email li qed jigi muri kopja taghha, u li hija mmarkata bhala dokument Z, wiegeb li iva kien effettivament raha u kien wegibha billi qal li huwa kien taht l-intendiment li dan l-ahhar hlas kellu jsir nofs minnu u nofs mill-mara tieghu. Huwa stqarr li ma hallasx privatijiet ghat-tifel ghax it-tifel dejjem kien jigri barra wara l-iskola minn coffee shop ghall-iehor u lanqas l-internet ma hallas hu.

Il-konvenut tenna li pendenti fil-konfront tat-tifel hemm tlett kumpilazzjonijiet. Huwa kien pprezenta r-rapport tieghu kontra l-omm u mhux kontra t-tifel. Sostna li kull darba li

rcieva kont biex ihallas il-kotba tal-iskola tat-tifel huwa dejjem hallashom, kien jibghat impjegat taghhom gewwa l-Agenda Bookshop tal-Pavi. Naturalment jekk huwa ma kienx gie mgharraf, ma hallasx. Huwa tenna li qatt ma rcieva xi ittra minn l-iskola biex ihallas kotba u ma hallashomx u lanqas l-Agenda Bookshop qatt ma infurmawh li kien hemm xi kotba biex jingabru minnu u ma gabarhomx.

Huwa spjega li Juanita Fenech kienet tahdem l-Airmalta meta kienet instabet hatja ta' serq u kienet wehlet sentenza sospiza u kien ghalhekk li l-kondotta ta' Juanita Fenech kienet giet mcappsa. Mistoqsi jekk qattx ra l-kondotta ta' Juanita Fenech  wiegeb li le,  pero' s-sentenza raha. Huwa obbliga ruhu li jesebixxi din is-sentenza wkoll. Mistoqsi jekk qattx ghamel xi rapporti dwar il-vjolenza domestika li huwa baghta mal-mara tul seba' u ghoxrin (27) sena wiegeb li le ma ghamilx. Mistoqsi jekk huwa qattx irraporta din il-vjolenza tal-mara, wiegeb li le, salv fis-sajf tas-sena 2010 meta waqalu ritratt mqatta fi tnejn tat-tifel tieghu u t-tifel dar fuqu u qallu li ommu kienet poggiet is-sikkina tal-hobz ma dahru. Huwa ddikjara li ma kienx id-dar meta sehh dan l-incident. L-incident sehh fis-7 ta' Awwissu 2010. Huma zzewwgu fis-sena 1983.

Il-konvenut spjega li huwa kien il-frontman tad-ditta Percius u kien hemm tlett kawzi kontra s-socjeta'. Wahda minnhom kienet dwar spustjar ta' meter tad-dawl fl-ufficcju taghhom. Kien hemm kwistjoni ohra dwar zewgt ikmamar fuq xulxin stalel San Paul il-Bahar, fejn meta kienu ser iwaqqghu dawn iz-zewgt  ikmamar il-haddiema spustjaw il-meter bla ma nfurmaw lill-Enemalta u darba minnhom bhala direttur tal-kumpanija kien hemm allegazzjoni li ma hallsux impjegat.

Huwa spjega li meta kien hemm pagament tardiv ta' manteniment kien vicin il-Milied meta l-avukata tieghu li kienet Dr Lorraine Schembri Orland li llum hija Imhallef kienet bil-vaganzi tal-Milied u kien ghalhekk li kienet damet biex tghaddi c-cekk. Il-konvenut stqarr li dwar il-privatijiet l-avukat li kellu, Dr Lorraine Schembri Orland,

kienet dejjem talbet ghar-ricevuti tal-privatijiet li kienu qed isiru pero’ dawn qatt ma nghatawlha.

L-attur **George Borg Cardona** xehed fit-13 ta’ Novembru 2013 fejn esebixxa fotokopja ta’ notamenti li hemm inseriti fid-djarju tieghu liema notamenti gew immarkati mill-Qorti bhala dokument XX. Huwa ghadu kif sema’ lil Mario Fenech jixhed u tenna li waqt li hu kien ghadu d-dar bejn Awwissu 2010 u l-10 ta’ Ottubru 2010, mhux minnu li huwa effettivament ghamel xi pagamenti u lanqas it-trasport tal-iskola tat-tifel ma kien hallas. Fil-fatt kien anke sahansitra pprova jiehu l-karozza li kellha l-mara tieghu sabiex ma tkunx tista’ twassal lit-tifel l-iskola. Effettivament il-pagament tal-manteniment kien isir bil-mod li ghadu kif xehed dwaru Mario Fenech minhabba l-fatt li huwa xtaq ipoggi l-flus go kont bankarju tal-mara tieghu Juanita Fenech fuq liema kont kien hemm mandat ta’ sekwestru. Huwa minnu li effettivament Mario Fenech kien talabha biex tiftah kont iehor fejn seta’ jpoggi l-flus, pero’ l-avukat ta’ Juanita Fenech kien ta parir diferenti. Mistoqsi jekk effettivament kienx baghat nofs il-pagament direttament lill-kumpanija tat-traspost qal li ma jafx dwar dan. Huwa kull ma jaf huwa dak li qaltlu t-tifla, li kien mar tat-trasport fuqha u qalilha li jekk ma jhallsux mhux ser ikompli jwassal lit-tifel. Sussegwentement sar jaf li bintu kienet hallset in-nofs pero’ jekk hallasx in-nofs l-iehor Mario Fenech huwa ma jafx.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mill-attur a fol. 148 tal-process li permezz taghha huwa rriduca t-talba promotrici tieghu minn hamest elef, mitejn u hamsa u sebghin ewro (€5,275) ghas-somma ta’ erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€4,658.41) u b’hekk irriduca t-talba tieghu bl-ammont ta’ sitt mija u sittax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€616.59) liema ammont jirrifletti dak mitlub skond id-dokumenti D, F, G, H, I, M u Q. [Jinghad pero’ li meta din il-Qorti hadhet konjizzjoni ta’ dawn is-sitt dokumenti u l-ammonti ta’ hlas mitluba fihom, irrizulta li l-ammont globali li l-attur kien qed jirriduci kien ta’ seba’ mija u hmistax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€715.69)].

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur prezentata fl-atti nhar it-12 ta’ Dicembru 2013 u dik responsiva tal-konvenut Mario Fenech prezentata fl-atti nhar it-8 ta’ Jannar 2014.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi ma hemmx dubbju li bejn il-kontendenti hemm hafna animosita’ u per sfortuna minhabba din l-animosita’ qed jinqalghu hafna problemi ulterjuri, liema proceduri sahansitra anke huma ta’ natura kriminali u jistghu jhallu impatt ferm negatttiv fuq il-kontendenti u per sfortuna wkoll, fuq it-tifel minuri taghhom Jean Louis li qed jigi mzeffen fin-nofs, tant li llum il-gurnata spicca anke bi proceduri kriminali inizjati kontra tieghu. Ma hemmx dubju li s-separazzjoni tal-konjugi Fenech hija wahda turbulanti u brutali hafna u tal volta anke tohrog ‘l barra mill-parametri naturali ta’ relazzjoni li spiccat. Il-Qorti hawnhekk qieghda tinvita lill-partijiet konvenuti sabiex juzaw il-bwon sens taghhom u jipprovaw jikkoltivaw separazzjoni konsenswali sabiex jigu evitati proceduri ohra u sahanstitra jkun hemm anqas trawma fuq it-tifel.

Illi dan il-Qorti pero’ mhux kompitu taghha tara ta’ min hu t-tort ta’ dan iz-zwieg li tfarrak u ghalhekk mhix ser tikkummenta ulterjorment.

Illi f’dawn il-proceduri hija giet mistoqsija biss sabiex tezamina l-atti prodotti u tara jekk it-talba attrici ta’ missier il-konvenuta Juanita Fenech hix gustifikata jew le. Jirrizulta minnufih li l-konvenuta Juanita Fenech minnufih ammettiet it-talba attrici u ma kkontestat l-ebda dokument esebit minn missierha l-attur.

Filwaqt li l-konvenut b’mod kategoriku jichad li huwa ghandu jaghti xi flus lill-attur u jghid li l-hlasijiet li saru jekk effettivament saru minnu, saru fuq rikjesta specifika mill-konvenuta Juanita Fenech u dan b’xi dritt ta’ bint li tistaqsi lill-missierha ghall-ghajjut. Skond il-konvenut dawn il-

hlasijiet li ghamel l-attur jew addirittura whud minhom saru b’mod kapriccuz u ghalhekk qatt ma ghandhom jigu addebitati lilu.

Il-konvenut Mario Fenech jghid u dan mhux kontestat, kemm mill-konvenuta Juanita Fenech u lanqas mill-attur, li meta huwa kien ghadu jghix id-dar ma’ martu l-konvenuta, huwa kien jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet kollha tal-kontijiet li kienu jircievu kemm ghal dawk li jirrigwardaw it-tifel minuri Jean Louis, kemm dawk li jirrigwardaw il-konvenuta Juanita Fenech, kemm dawk li jirrigwardaw hlasijiet ta’ edukazzjoni, skejjel, trasport tat-tifel u hlasijiet konnessi mad-dar u cioe’ mal-hajja ta’ kuljum. Illi l-konvenuta u l-attur jghidu fix-xhieda taghhom li huma kienu jghixu stil partikolari ta’ hajja u riedu li t-tifel ikompli jghix l-istess stil minkejja li l-konvenut ma baqghax jghix maghhom. Ma hemmx dubbju li l-konvenut ghalkemm telaq mid-dar matrimonjali kellu certu obbligi li kellu jissodisfa kemm fir-rigward ta’ ibnu minuri kif ukoll fir-rigward ta’ martu, tant li sahansitra l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet iddegredat nhar il-11 ta’ April 2011 li l-konvenut kellu jhallas manteniment fis-somma ta’ sitt mitt ewro kull erba’ gimghat (tlett mija ghat-tifel u tlett mija ghall-konvenuta) oltre li ddikjarat li l-ispejjez in konnessjoni mal-edukazzjoni u s-sahha tat-tifel jigu divizi bejn il-konjugi Fenech.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut li ma gietx michuda mill-konventa li huwa gie mkecci mid-dar matrimonjali fl-10 ta’ Ottubru 2010 u kkonferma li bejn l-10 ta’ Ottubru 2010 u April 2011 huwa ma ghamel l-ebda hlas lill-konvenuta bhala manteniment, la ghaliha u lanqas ghal binhom minuri. Illi ghalhekk huwa l-kompitu ta’ din il-Qorti fl-ewwel lok tivverifika t-talba attrici u tara ghal liema perjodu l-hlas qed jintalab (ghaliex wara dan il-perjodu l-konvenut kien marbut b’digriet tal-Qorti tal-Familja dwar xi hlasijiet kellu jaghmel u mix-xhieda tal-attur jidher li dan id-digriet qed jigi segwit) u fit-tieni lok jekk it-talbiet individwali humiex gustifikati jew le.

Bizzejjed jinghad li fil-mori tal-kawza gja gew irtirati numru ta’ dokumenti fejn fihom kien hemm diversi talbiet ghal hlasijiet fosthom is-segwenti:

Dok D: zewg ricevuti fl-ammonti ta’ erbgha u erbghin ewro u tmenin centezmu (€44.80) u hamsa u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€45.94) allegatament imhallsa fuq xi requirements
Dok. F: sittin ewro (€60) allegatament imhallsa lil Dentist ghas-servizz ta’ Juanita Fenech
Dok. G: ghaxar ewro u hamsin centezmu (€10.50) pagament iehor allegatament maghmul lid-Dentist C. Fenech
Dok. H: mitejn u seba’ ewro u hamsa u disghin centezmu (€207.95) pagament iehor allegatament maghmul lid-Dentist C. Fenech
Dok. I: sebgha u sebghin ewro u hamsin centezmu (€77.50) pagament iehor allegatament maghmul lid-Dentist C. Fenech
Dok. M: tmenin ewro (€80) pagament iehor allegatament maghmul nhar is-26 ta’ Novembru 2010 ghal replacement of water heater and labour
Dok. Q: mija u disgha u tmenin ewro (€189) pagament iehor allegatament maghmul nhar it-22 ta’ Marzu 2011 lil Ruth Falzon. In effetti l-attur irrinunzja ghall-hlas tal-pagament dovut fuq id-dokument Q ghalkemm l-ircevuta falza hija mmarkata bhala Dok P (fol. 27).

B’kollox ghalhekk l-attur irriduca t-talba tieghu bis-somma ta’ **seba’ mija u hmistax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€715.69)** u mhux sitt mija u sittax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€616.59) kif indikat mill-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu.

Issa l-konvenut Mario Fenech ghandu ragun meta jghid li huwa ma jridx ihallas allegat spejjez meta tali talbiet m’humiex koperti b’invoices jew ricevuti relattivi tal-allegat hlas li sar u ghal dan issir referenza ghall-allegati hlasijiet li hemm indikati a fol. 13 u 14 tal process u cioe’ s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Private lessons | €40 |
| Examination papers | €30 |
| School notes | €20 |
| Heading School Activites | €418 |

| | |
|---|---|
| Pair of shoes | €18 |
| Pair of trousers | €15 |
| 2 vests | €4.00 |
| 2 pants | €4.00 |
| Heading Food Necessities | €1,750 |
| Heading Gas and Fuel | €790 |
| Maid Fortnightly | €450 |

B'kollox dawn l-allegat hlasijiet li saru jammontaw ghal tlett elef, hames mija u disgha u tletin ewro (€3,539).

Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-

certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet '**Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et'** deciza fil-25 ta' April, 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili:

"*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli".*

Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri',** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran:

*"bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu".*

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq l-attur tal-pagament li huwa allega li ghamel. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet '**Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech**', deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li *"La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega.*

Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, l-attur jehtieg li qabel xejn jipprova, b'mod konvincenti u konklussiv, illi huwa effettivament ghamel il-hlas tas-somma appena citata. Peress li l-attur ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward u dan ghaliex la tella lill-allegata serva biex tixhed kemm thallset jew kemm hadmet fid-dar matrimonjali, la ressaq xi rapprezentant tal-iskola sabiex jghid kif saru l-hlasijiet dwar karti tal-ezami u school notes, ghalhekk dawn it-talbiet qed jigu michuda.

Dwar it-talba sabiex l-attur jithallas is-somma ta' erba' mija u tmintax-il ewro (€418) bhala attivitajiet tal-iskola jidher li mill-provi prodotti in verita thallsu biss is-somma ta' hamsin ewro (€50) li ntefqu fuq it-tifel meta mar Sqallija f'April 2011 u s-somma ta' (€60) sittin ewro f'Mejju 2011 bhal *live in* b'kollox is-somma ta' mija u ghaxar ewro (€110). Ghalhekk semmai din is-somma minn erba' mija u tmintax-il ewro (€418) trid tigi ridotta ghal mija u ghaxar ewro (€110).

Dwar ir-rimbors ghal hlas li sar ghal *school books* fl-ammont ta' mija u dsatax-il ewro u hamsa u erbghin centezmu (€119.45) jidher car mill-atti li dawn effettivament thallsu lill-Agenda Book Shop u li dan il-hlas sar mill-kont bankarju dirett tal-attur u ghalhekk ghandu jigi rimborsat taghhom.

Ghalhekk fir-rigward l-ewwel parti ta' Dok GCB 2 intestat '*educational*' din il-Qorti tara li bhal hlasijiet li effettivament saru kien hemm tlieta: dik lill-Agenda Book Shop fl-ammont ta' mija u dsatax-il ewro u hamsa u erbghin centezmu (€119.45), mija u ghaxar ewro (€110) lill-iskola St. Edwards ghal *live in* u safra Sqallija f'Mejju 2010 u

April 2011 (gja diskussi aktar ‘il fuq) u s-somma ta’ mija u disa ewro u wiehed u hamsin centezmu (€109.51) li tirraprezenta l-hlas li sar lil Director of Exminations f’Novembru 2010. B’kollox ghalhekk tlett mija u tmienja u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€338.96). Dawn ukoll l-attur ghandu dritt li jigi rimborsat taghhom kif gja spjegat in parte.

Dwar it-tieni kolonna intestata ‘*School Activities’* il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x’taghmel b’mod patikolari li gja llikwidat is-somma ta’ mija u ghaxar ewro (€110) ghal *school live in* u safra lejn l-Italja taht l-intestatura ‘*Educational*’ u ghalhekk mhix se terga tikkunsidra din it-talba taht din l-intestatura. Dwar il-kumplament u cioe’ l-pantomime, is-school party, ir-rigali tal-Milied ghall-ghalliema, l-art outing, is-study live-ins dwar dan ma hemm xejn u dan ghaliex la hemm ricevuta ta’ allegat hlas u lanqas ma tressaq xi persuna jghid li effettivament ircieva dawn il-hlasijiet minghand l-attur u ghalhekk qed jigu kollha michuda. Dwar it-trasport tat-tifel jinghad li skond ix-xhieda tas-Sur Cuschieri dan qal li t-trasport kien ghadu ma thallasx u ghalhekk zgur li l-attur mhux intitolat li jigi rimborsat b’din is-somma hekk mitluba.

Dwar it-tielet intestatura imsejha ‘*Medical*’ id-dokumenti allegatament ricevuti markati bhala F, G, H, I gja gew irtirati mill-attur permezz tan- nota esebita minnu fl-atti a fol. 148. Dwar l-ircevuta markata bhala Dok J jirrizulta biss li effettivament verament thallset din is-somma fl-ispizerija Royal Pharmacy il-Belt Valletta nhar it-30 ta’ Marzu 2011 ghal xiri ta’ pain killers *Cataflan* u *Syndol* kif ikkonferma Mario Spiteri Maempel, pero’ minn imkien ma jirrizulta li dawn il-medicinali nxtraw ghal konvenuta jew addirittura ghat-tifel tal-kontendenti u ghalhekk tali talba qed tigi michuda wkoll.

Dwar l-intestatura ‘*clothing*’ jinghad li l-attur qed jitlob rimbors ghas-somma ta’ tlieta u disghin ewro (€93) liema somma jghid li nefaqha fuq it-tifel Jean Louis. Apparti li ma ressaq l-ebda ricevuta ta’ dawn l-allegat hwejjeg li xtara jidher li hemm esebit fl-atti ricevuta wahda mahruga minn BHS store fejn skond is-Sur Camilleri din l-ircevuta

tirraprezenta xiri ta' gakketta ghal mara *size 10* (u skond Juanita Fenech is-size taghha huwa proprju size 10) pero' stranament meta l-konvenuta giet mitluba waqt li kienet fil-pedana tax-xhieda jekk tafx xi haga fuq din il-gakketta tghid li ma taf xejn. Zgur ghalhekk li ma jistax jinghad li din il-gakketta hija ghat-tifel u/jew li kienet xi bicca hwejjeg necessarja ghall-konvenuta. Ghalhekk l-ammont kollu taht din l-intestatura qed jigi michud.

Dwar l-intestatura '*Food & Necessities'* jidher li l-attur ghamel talba ta' circa elf, seba' mija u hamsin ewro (€1,750) ghal perjodu ta' wiehed u tletin gimgha. Nonostante dan ma esebiex ricevuta wahda u ghalhekk strah biss fuq kalkolu aprossimattiv. Hawnhekk ukoll l-attur lanqas biss indika ghal liema perijodu qed ikopri din is-somma. L-attur ma ndikax ghal liema perjodu qed jaghmel din it-talba pero' l-Qorti rat li skond ix-xhieda tal-konvenut stess huwa waqaf ihallas spejjez tad-dar bejn l-10 ta' Ottubu 2010 sa' April 2011 u ghalhekk din it-talba tirreferi bejn l-10 ta' Ottubru 2010 u l-jum meta infethet l-kawza odjerna nhar id-29 ta' Marzu 2011.

Dwar it-talba ghal *pocket money* tat-tifel minuri fl-ammont ta' tlett mija u ghaxar ewro (€310) u cioe' s-somma ta' ghaxar ewro (€10) fil-gimgha ghal wiehed u tletin gimgha jinghad ukoll li hawnhekk l-attur ma specifikax ghal liema perijodu qed jaghmel tali talba salv li qal li huwa ghadda pocket money lin-neputi fl-istess zmien ta' meta missier il-minuri kien zgumbrat mill-fond. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra l-istess perjodu appena citat u peress li f'dan il-perjodu ma jirrizultax li l-konjugi taw xi *pocket money* lil binhom din il-Qorti sejra tilqa' tali talba.

Dwar l-intestatura '*Gas and Fuel'* jinghad li fl-atti ma hemmx prova ta' kemm effettivament il-konvenuta wzat gas sabiex mhux isahhan id-dar izda biex isajjar bih u ghalhekk zgur li l-ammont mitlub mhux dovut. Dwar il-hlas ghal fuel tal-vettura din ser tigi michuda bhala hlas per se izda ser tigi kunsidrata mill-Qorti meta din il-Qorti sejra tillikwida *arbitrio boni viri* somma flus li l-attur seta' ta lill-konvenuta ghall-ghajxien taghha u ta binha f'dak il-

perjodu meta l-konvenut ma tax manteniment ghaliha u ghal binhom.

Dwar it-talba ghal hlas tas-seftura, l-attur naqas li jressaq provi ta' min kienet is-seftura, kemm kienet tahdem granet u sighat, kemm kien ihallasha bis-siegha u affarijiet simili. Din it-talba qed tigi michuda stante li ma gietx sostanzjata bl-ebda ricevuta jew prova ohra.

Dwar it-talba taht l-intestatura '*Home maintenance'* jinghad li l-ircevuta mmarkata bhal Dok L li harget mis-socjeta' Anastasi IAL fl-ammont ta' tnejn u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€62.20) ma hemm l-ebda prova li din ghandha x'taqsam mal-konvenuta. Jidher biss li fl-10 ta' Dicembru 2010 inxtrat *spare cylinder* ghal xi *lock sic et simplicite.* Din zgur mhix prova li abbazi taghha ghandu jsir il-hlas. Dwar Dok M jinghad li din giet irtirata mill-attur stess fin-nota tieghu a fol. 148. Hawnhekk l-attur messu ressaq lill-persuna li wahlet din il-lock fid-dar matrimonjali.

Dwar il-hlasijiet li saru in konessjoni ma' *car maintenance* jirrizulta li l-vettura li kellha t-tyre mibdul u s-service fuqha hija proprjeta' ta' Percius Co Ltd li taghha huwa Direttur il-konvenut pero' jidher li din il-vettura qed tintuza mill-konvenuta ghalkemm kontra l-ordni tas-socjeta' Percius skond ma' qal il-konvenut (liema xhieda ma gietx kontestata) u ghalhekk tali spejjez ghandhom isiru mill-konvenuta stess u ghandha taghmel tajjeb ghalihom hi u mhux il-konvenut. Tali talbiet qed jigu michuda.

Dwar it-talba tal-*Learning Disability* Test Dok. P dan ghandu jigi michud ghaliex fil-fatt Ruth Falzon meta giet murija d-dokument P nhar il-11 ta' Lulju 2012 tghid li l-firma fuq id-dokument P tixbah il-firma taghha pero' hija hafna akbar u zgur mhux taghha. Ghalhekk tali hlas mhux dovut lanqas.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' t-talba attrici biss limitatament ghal hlas tas-somma ta' mija u dsatax-il ewro u hamsa u erbghin centezmu (€119.45) imhallsa lill-Agenda Book Shop, is-somma ta' mija u ghaxar ewro (€110) moghtija lill-iskola St. Edwards bhala *live in* u safra

tal-iskola lejn l-Italja, is-somma ta’ mija u disa’ ewro u wiehed u hamsin centezmu (€109.51) li thallsu lid-Direttur tal-Edukazzjoni dwar l-O’levels ta’ Jean Louis. Oltre dan qed tillikwida arbitrio boni viri somma flus ohra rappresentanti *pocket money* li nghatat lil Jean Louis ghal perjodu minn meta l-konvenut telaq mid-dar u cioe’ l-10 ta’ Ottubru 2010 u meta infethet il-kawza odjerna u cioe’ d-29 ta’ Marzu 2011, liema *pocket money* u hlas ghal ghajxien ta’ kuljum qed jigu likwidati fl-ammont komplessiv ta’ elfejn ewro (€2,000). B’kollox ghalhekk il-konvenuti qed jigu kkundannati jhallsu lill-attur s-somma ta’ elfejn, tlett mija u tmienja u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,338.96).

Jidher car li f’dan il-perijodu l-konvenut ma kienx kolpit minn xi ordni tal-Qorti tal-Familja sabiex imantni lill-martu u lill-ibnu pero’ jinghad li l-konvenut u l-konvenuta xorta kellhom obbligi li jiehdu hsieb lil binhom minuri. Fil-fatt, fil-kawża **“<u>Marthese Vella pro et noe vs George Vella</u>”** deċiża fit-28 ta’ Frar 2003, l-Onorabbli Qorti tal-Familja sostniet li:- *“t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab miegħu wkoll responsabbilitajiet fuq il-mara miżżewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa’ bħal żewgha r-responsabbilta’ għal dak li jirrigwardja l-manteniment tal-familja.”*

Il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu wliedhom, u t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tat-tfal, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f’pozizzjoni ta’ ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u anke skond il-ligi jridu jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Il-Qorti qed tikkonferma l-principju li ghalkemm il-mara ma tkunx tahdem dan m’ghandux ifisser li m’ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu. Hemm kazijiet fejn il-persuna fdata bil-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx f’posizzjoni li tahdem u dan peress li tkun qieghda tiehu hsieb it-trobbija tal-ulied (li mhux il-kaz odjern). F’tali cirkostanzi parti fiz-zwieg jista’ jkollha thallas manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta’ zmien.

**L-Artikolu 3 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

**L-Artikolu 3B tal-Kap 16** jistipula illi:

*"Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

u fl-**Artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16** jinghad li:

*"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Jinghad ghalhekk fid-dawl tal-ligi appena citata li l-konvenut ukoll kien obbligat li jipprovdi ghal ibnu u ghalhekk ghandu jinzamm ukoll responsabbli. Jinghad li l-konvenuta ghandha l-professjoni taghha u ghalkemm ma tahdimx xorta ghandha tinzamm responsabbli ghal sehma.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tillikwida s-somma pretiza mill-attur fl-ammont ta' elfejn, tlett mija u tmienja u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,338.96), tordna li l-istess somma tithallas in kwantu ghal nofs mill-konvenut Mario Fenech u r-rimanenti nofs mill-konvenuta Juanita Fenech.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati indaqs in kantu ghal terz mill-attur (stante li t-talba promotrici kienet hafna aktar minn dik li giet likwidata oltre d-diversi ricevuti li gew iritirati minnu), terz mill-konvenuta Juanita Fenech u r-rimanenti terz mill-konvenut Mario Fenech.**

**L-imghax jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------